Diċembru 2011 • Vol 18 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Ħatra ta' Kuntistabblijiet
- Għaxar snin Kummissarju tal-Pulizija – Is-Sur John Rizzo
- Żjara minn delegazzjoni tal-Pulizija Ċiniża

u aktar...

*Newspaper Post*


Scholl FOOTHEALTH CENTRE
Autumn/Winter 2011
STEVE
Brand: Scholl
Colour: Black
Size: 39 - 46 Price: €75.00
GOSFORD
Brand: Scholl
Colour: Dark brown
Size: 39 - 46 Price: €75.00
WOLBURN
Brand: Scholl
Colour: Black
Size: 39 - 46 Price: €90.00
PIERCE
Brand: Scholl
Colour: Black / Brown
Size: 41 - 46 Price: €90.00
133.13.06
Brand: Camel Active
Colour: Black
Size: 39 - 46 Price: €90.00
306.13.01
Brand: Camel Active
Colour: Mocca
Size: 39 - 46 Price: €98.00
192.16.02
Brand: Camel Active
Colour: Black
Size: 39 - 46 Price: €98.00
274.13.01
Brand: Camel Active
Colour: Timber
Size: 39 - 46 Price: €98.00
149.12.03
Brand: Camel Active
Colour: Mocca
Size: 39 - 46 Price: €98.00
Scholl is available from all Scholl Foothealth Centres, Abela's Health & Beauty Centre (Gozo), Suffolk - (Valletta) and all leading pharmacies.
Camel Active is available from the Scholl Foothealth Centres in Sliema and Valletta
While every effort has been made to ensure the accuracy of the information contained within this advert, prices may be subject to change and not all sizes and colours may be available
camel active
Scholl




Qoxra:
PS1137 Kevin Vella - Drum Major waqt l-edizzjoni tal-Malta Military Tattoo ta' din is-sena.

Ritratt: Sezzjoni tal-Fotografija - Forensika

Diċembru 2011 • Vol 18 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ













5 Editorjal

7 Messaġġ lill-Pulizija mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dott. Carmelo Mifsud Bonniċi

9 Messaġġ lill-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo

11 Għaxar snin Kummissarju tal-Pulizija – Is-Sur John Rizzo

16 Ħatra ta' Kuntistabblijiet

25 Ħatra ta' Surġenti

28 Ħatra ta' Spetturi

32 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

34 Taħriġ avvanzat għall-uffiċjali tas-S.I.Re.N.E.

39 Kors mal-N.C.I.S. Amerikan

41 Taħriġ Speċjalizzat fis-Cyber Crime

43 Żjara minn delegazzjoni tal-Pulizija Ċiniża

45 Pulizija ta' Malta – Sezzjoni Sport

48 Korsijiet tal-E.C.D.L. ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija

51 Il-Precision Drill Team fil-Malta Military Tattoo 2011

53 ...il-ħidma tkompli

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin

**IL-PULIZIJA**

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN


SILESTONE
KITCHEN WORKTOPS WITH
ANTIBACTIRIAL PROTECTION
VARIOUS COLOURS & DESIGNS
Worktop ROSSO MONZA
RESISTANCE TO SCRACHING
RESISTANCE TO ACIDS
RESISTANCE TO STAINING
WIDE RANGE OF COLOURS
Fernando Alonso for Silestone.
SILESTONE by COSENTINO
THE ORIGINAL
A NEW ADDRESS
FOR DESIGN & STYLE
MARBLE | GRANITE | TERRAZZO | COMPOSITE STONE | HARD STONE
Showroom: The Factory, Mosta Road, Lija LJA 9016 - Malta Tel: +356 21 433636 Fax: +356 21 412499 E-mail: info@halmannvella.com
Halmann VELLA
www.halmannvella.com

# Editorjal

Wara aktar minn 25 sena fil-Korp tal-Pulizija, dan l-aħħar ġejt maħtur mill-Kummissarju bħala editur tal-magażin "Il-Pulizija." Il-Bord editorjali ta' dan il-magażin għas-snin 2011 sa l-2014 hu magħmul kif ġej:

| | |
|---|---|
| President: | Supretendent Mario Spiteri |
| Editur: | Assistent Kummissarju Antoine Casha |
| Membri: | WPS 101 Roberta Grima |
| | WPC 25 Charlene Cilia |
| | PC 256 Kurt Bugeja Coster |
| | Supt Antonello Grech |

Għalkemm xi kultant kont nikteb xi żewġ kelmiet fuq dan il-magażin, din hi l-ewwel esperjenza tiegħi bħala editur. Mill-ewwel intbaħt bl-impenn serju minn wara l-kwinti minn grupp żgħir ta' kollegi tagħna biex jiġi ppublikat dan il-magażin erbgħa darbiet fis-sena. Ma nistax ma nsemmix lis-Surġent Carol Fabri, illum Spettur, li bħala Editriċi għal diversi snin kienet strumentali biex dan il-magażin jibqa' jiġi ppublikat sena wara sena. Ma kenitx waħeda. Kien hemm ukoll il-Bord Editorjali kollhu li ta s-sehem tiegħu wkoll.

Dan l-inkarigu ġdid iġegħlni naħseb u nirrifletti aktar fuq l-iskop ta' dan il-magażin. Il-magażin iġib l-isem, "Il-Pulizija" iżda bi kliem żgħir taħt dan l-isem, wieħed isib ukoll - "xogħolna u ħajjitna fil-Korp". Għalija, din il-frażi tatni d-direzzjoni x'għandu jkun fih il-magażin. Il-Bord Editorjali se jaħdem bi sħiħ biex dan iseħħ.

Iżda l-isforz tal-Bord Editorjali waħdu mhux biżżejjed. Jeħtieġ ukoll impenn minn kull membru u ex-membru sabiex kif jista', jikkontribwixxi għal dan il-għan tal-magażin. Dan jista' jsir b'diversi mezzi bħal per eżempju kontribuzzjoni b'artikolu għall-pubblikazzjoni jew inkella tinformawna b'xi materja/suġġetti li tkun tixtieqU taraw fil-magażin. Il-magażin huwa tagħna lkoll; jiddependi minna kemm nagħmluh interessanti.

Għal dan il-għan, għamilna email address *magazine.police@gov.mt* sabiex wieħed jkun jista' jikkommunika direttament magħna l-ħsibijiet jew kitbiet tiegħu għall-magażin.

Flimkien mal-Bord Editorjali, nawgura l-Milied hieni u s-Sena l-Ġdida mimlija saħħa, risq u hena.






# Christmas unwrapped

€6,000 in cash prizes*

**Shop, dine or travel** and pay with any BOV Card this Christmas and you can **win** €1,000 in cash.

*Your success is our goal.*

**BOV CARDS**

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 31321

* Six €1,000 cash prizes to be won. Offer valid until 31 January 2012. Terms & conditions apply and are found at www.bov.com. Winners must answer a skill testing question to win the prize.

BOV
Bank of Valletta

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY



# Messaġġ lill-Pulizija mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dott. Carmelo Mifsud Bonniċi

Kull sena, fid-dinja tax-xogħol tal-Korp tal-Pulizija, jidħlu sfidi ġodda li jitolbu minn kull wieħed u waħda minnkom sforzi u impenji akbar fil-qadi ta' dmirijietkom sabiex tkunu tistgħu tiffaċċjawhom. Din is-sena ma kienitx xi eċċezzjoni.

Il-gwerra ċivili li żviluppat fil-Libja ġabet fuqna piż straordinarju. Sfida diffiċli li ħabbtitna sew u b'mod partikolari lil dan il-Ministeru. Qatt ma kellna ċirkostanzi bħal dawn f'idejna. Kien ċertament element kruċjali x-xogħol imwettaq mill-membri tal-Korp tal-Pulizija fl-isforzi ta' pajjiżna biex jgħin lill-persuni kollha li ħarsu lejn Malta bħala destinazzjoni li tbegħedhom mit-tbatija u mill-periklu għal ħajjithom ikkawżati minn din il-gwerra ta' ħruxija liema bħalha. Ħafna minnkom ġew stazzjonati fil-Port il-Kbir u fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta biex tassistu, f'ħidma xejn faċli u koordinata ma' entitajiet oħra, lil madwar 16,000 persuna li għaddew minn pajjiżna biex imorru lura f'pajjiżhom. M'għandi l-ebda dubju li parti mis-suċċess li kisbet Malta fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet umanitarji u l-isem tajjeb li kisbet internazzjonalment għal dan, huwa dovut lilkom.

Il-mumenti diffiċli u l-kuraġġ, id-determinazzjoni u l-perseveranza li ġew murija minn bosta ser jibqgħu fil-memorja tiegħi.

L-ebda organizzazzjoni ma tiffunzjona tajjeb jekk ma tkunx attrezzata bl-għodod u sistemi li jaqdu l-ħtiġijiet tal-ġurnata. Għaldaqstant din is-sena, bħas-snin preċedenti, l-Ministeru rrikonoxxa u ħa ħsieb li jindirizza dawn il-bżonnijiet, billi:

**L-ewwel,** saħħaħ ir-riżorsi umani tal-Korp. Fil-fatt f'Settembru rajna l-ingaġġ ta' 83 rekluti ġodda wara li kienu temmew b'suċċess programmi ta' taħriġ u tħejjija komprensiva għad-dmirijiet tal-Korp, li saru ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija fuq perjodu ta' sena. Mhux biss, iżda fl-istess xahar rajna wkoll il-ħatra ta' 31 spettur ġdid, filwaqt li f'Settembru reġa' beda kors għal numru ieħor ta' rekluti ġodda prospettivi, u f'Ottubru ġew ukoll appuntati 21 surġent ġdid.

**It-tieni**, investa f'apparat u tagħmir modern li huwa bżonnjuż biex jgħinkom fil-ġlieda tagħkom kontra l-kriminalità. Fil-fatt, apparti sistemi u tagħmir ieħor li diġà ġew installati u qegħdin jiffunzjonaw, il-Korp għandu diġà għad-disposizzjoni tiegħu tagħmir tad-DNA kif ukoll *Automated Fingerprint Identification System* (AFIS) li għandhom jiffaċilitaw ix-xogħol investigattiv. Investimenti bħal dawn huma parti minn proċess kontinwu.

**It-tielet**, nieda l-proġett tal-bini t'Akkademja tal-Pulizija kompletament ġdida u moderna f'Ta Kandja, li l-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fil-11 ta' Lulju li għadda. Din l-Akkademja li permezz tat-taħriġ aktar speċjalizzat li ser tkun tista' toffri għandha tiffaċilita l-isforzi tagħkom biex tiġġieldu l-kriminalità bl-iktar mod effettiv u effiċjenti.

Id-dmirijiet tagħkom lejn is-soċjetà jitolbu minnkom mhux biss impenn u dedikazzjoni, iżda ħinijiet twal 'il bogħod mill-familji tagħkom. Nista' naċċertakom illi l-maġġoranza assoluta tal-poplu tapprezza s-sagrifiċċji kbar li intom tagħmlu u anke jekk xi wħud jikkritikawna inġustament, il-pajjiż jagħraf ħidmitkom.

Ninsabu fil-jiem tal-festi tal-Milied fejn il-poplu huwa meħdi f'diversi ċelebrazzjonijiet, kemm reliġjużi kif ukoll ta' divertiment. Dan huwa eżempju ħaj ta' perjodu wieħed fis-sena fost bosta oħrajn, li matulu intom mhux talli ma tistgħux tieħdu ftit tal-mistrieħ, anzi għall-kuntrarju, id-doveri tagħkom biex iżżommu l-buon ordni ġewwa l-postijiet tad-divertiment u fit-toroq ta' pajjiżna jiżdiedu b'mod sinifikanti. Ta' dan nixtieq nirringrazzjakom, kemm f'ismi kif ukoll f'isem il-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Nawgura lilkom u lill-familji tagħkom Milied hieni u Sena Ġdida mimlija risq u paċi.



get Luxury with Lowest prices
all fire places are EU standard
HOT PRICE!!
€1,200
€450
until stock lasts
HURRY... LAST FEW REMAINING
LOW PRICE
No gas - No Electricity - No Chimney
Fireplaces with Real Flame
Heat up to 10,000btu, The energy you supply goes straight into the room as heat, instead of being lost through the chimney. Thus the efficiency is high and the user does not expend more energy than necessary.
Large Selection to choose from. Best Quality.
wiseliving
Triq l-Ewkaliptus San Gwann
Tel: 2729 4949 - Mobile: 7730 3033 - 7970 8140
E-mail: wiselivinginfo@gmail.com
Website: www.wiselivingmalta.com
Contractors are Welcome

# Messaġġ lill-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo



Għaddiet sena oħra u l-festi tal-aħħar tas-sena reġgħu qegħdin magħna. Tiskanta kif jgħaddi ż-żmien. Fil-veru sens tal-kelma ż-żmien qed itir. Erġajna dħalna fix-xahar ta' Diċembru. Ilbieraħ aħna l-Bormliżi ċċelebrajna l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Festa mill-isbaħ li ddaħħalna fl-ispirtu tal-Milied. Xahar mimli festi u ċelabrazzjonijiet. Tajjeb li wieħed jiċċelebra iżda dan għandu jkun dejjem bil-qies mingħajr ma' nweġġgħu aħna jew lil ħaddieħor.

Kollox ma' kollox ma kinetx sena ħażina mill-att ta' kriminalita'. Għalkemm kellna żieda fl-istatistika tal-kriminalita' fuq is-sena l-oħra, din kienet minima ħafna meta wieħed jikkonsidra kollox, fosthom l-ammont ta' turisti li ġew iqattgħu btala f'pajjiżna. Is-sena kienet sena mpenjativa. Komplejna bil-ġlieda bla waqfien kontra l-kriminalita' fejn erġajna ksibna diversi suċċessi. Ġew solvuti diversi reati serji, barra ħafna oħra li rnexxielna nipprevenu milli jsiru. Dan is-suċċess ma sarx b'xi kumbinazzjoni, imma b'mertu kbir tal-ħidma serja u professjonali tal-membri tal-Korp.

Għalhekk nixtieq nieħu din l-okazzjoni biex nirringrazzja u nuri l-apprezzament tiegħi lill-membri kollha tal-Korp tax-xogħol kbir li għamiltu matul is-sena li waslet biex tgħaddi. Ix-xogħol tagħkom jirrifletti fis-suċċessi kollha li kiseb il-Korp u fiż-żamma tal-paċi u l-ordni pubblika. Il-kontribut tagħna kien strumentali wkoll biex diversi attivitajiet tal-massa setgħu jsiru fl-ordni u bl-aktar mod trankwil. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-uffiċjali kollha tal-Korp tax-xogħol kbir li għamilna flimkien biex nilħqu l-oġġettivi kollha tal-Korp.

Matul is-sena, barra x-xogħol kbir tagħna, xorta waħda komplejna nirranġaw u nsebbħu diversi postijiet fejn naħdmu, kemm ġewwa d-Depot tal-Pulizija kif ukoll f'diversi għases. Komplejna ninvestu fil-futur tal-Korp billi ngaġġajna numru ta' rekluti kif ukoll billi xtrajna apparat ġdid sabiex jgħinna nkunu aktar ppreparati u organizzati fil-ġlieda kontra l-kriminalita'.

Ma xtaqtx nagħlaq dan il-messaġġ qasir u nonqos milli nsemmi l-erba' kollegi tagħna li ħallewna mingħajr ma kien mistenni, mhux mill-Korp, imma minn din id-dinja, meta mietu f'għomor żgħir matul din is-sena. Minn hawn insellem u nirringrazzja lil Marvin Busuttil, lil Jesmond Bugeja, lil Eugenio Fenech u lil Kurt Gauci tas-servizz li taw fi ħdan il-Korp, fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalita' u ż-żamma tal-paċi u l-ordni pubblika biex jaraw pajjiż aħjar u poplu aktar iddixxiplinat. Grazzi. L-għomor lil għeżież u l-membri tal-familji kollha tagħhom.

Nagħlaq billi minn qalbi nawguralkom suċċess fil-karriera tagħkom u nixtieqilkom l-isbaħ xewqat għall-Milied hieni u s-Sena Ġdida, mimlija saħħa u ġid. Awguri.



JACK DANIEL'S
JACK DANIEL'S
OLD TIME
Old No.7 BRAND
QUALITY
Tennessee
SOUR MASH
WHISKEY
DISTILLED AND BOTTLED BY
JACK DANIEL DISTILLERY
LEM MOTLOW, PROPRIETOR
LYNCHBURG (POP. 361), TENN. U.S.A.
40% ALC. BY VOL. (80 PROOF)
IN A HIGH-SPEED WORLD, IT'S GOOD TO KNOW
A FEW THINGS STILL AREN'T.
CRAFTED WITH CARE.
PLEASE ENJOY IT THE SAME WAY.
www.jackdaniels.com
JACK DANIEL'S and OLD NO. 7 are registered trademarks. ©2006 Jack Daniel's.
Exclusive Distributors: Charles Grech & Co. Ltd. Tel: 21 444400 Fax: 21 444417

# Għaxar snin Kummissarju tal-Pulizija – Is-Sur John Rizzo

WPC 25 Charlene Cilia-CMRU

*"Il-futur min jafu?"*, dan kien il-kliem li qal il-Kummissarju tal-Pulizija meta staqsejnieh kienx qed jistenna li jiċċelebra l-għaxar anniversarju tiegħu bħala Kummissarju. Propju l-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2011 kien l-għaxar anniversarju tas-Sur John Rizzo minn meta ħa l-ħatra ta' Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk għal din l-okkazzjoni ma naqasx li nieħdu l-kummenti tiegħu. Il-Kummissarju minkejja l-impenji li tista' tgħid ma jieqfux xorta waħda ġentilment laqagħna fl-uffiċju tiegħu.



Mistoqsija li ma setgħetx tonqos kienet propju fuq il-bidla li seħħet fil-Korp tal-Pulizija tul dawn l-aħħar għaxar snin. Il-Kummissarju kellu sehem importanti ħafna fiha minħabba l-fatt li bil-ħila tiegħu llum qed ingadwu minn ħafna benefiċċji. Is-Sur Rizzo spjega kif huwa kellu tlett oġġettivi li huwa dejjem ħares lejhom. L-ewwel wieħed kien propju li jipprova jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-membri tal-Korp, it-tieni li jipprova jtejjeb il-pozizzjoni, l-*image* tagħna f'għajnejn il-poplu u fl-aħħar li b'xi mod intejbu l-*performance* tagħna fejn tidħol ir-rata tal-kriminalita`. Huwa jemmen kif l-*image* tal-Korp illum tgawdi minn stima ikbar milli kellu żminijiet oħra. Filfatt jekk wieħed jħares lejn ċertu *surveys* li jsiru, bid-diffikultajiet kollha li niltaqgħu magħhom minħabba n-natura tax-xogħol tagħna, il-Pulizija xorta tibqa' f'pożizzjonijiet għolja.

Filfatt ftit xhur ilu riżultat tal-*Eurobarometer* indika li l-Korp tal-Pulizija għandu l-fiduċja ta' 86% tal-poplu. Il-Korp kien it-tieni dipartiment wara l-Forzi Armati. Pero jekk wieħed jara x-xogħol li jagħmlu l-Armata u jqabblu max-xogħol tagħna jinduna li huwa xogħol kompletament differenti, dan għaliex aħna naffaċċjaw u nħabbtu wiċċna l-ħin kollu maċ-ċittadin. Meta jara riżultati bħal dawn, il-Kummissarju jkompli jemmen aktar kemm hija importanti li nżommu d-dixxiplina u nedukaw lilna nfusna għax jekk nagħmlu żball wieħed sfortunatament dan jirrifletti fuq kull membru.

Fejn tidħol il-kriminalita` u l-ġlieda kontriha, is-Sur Rizzo saħaq li illum żdidna ħafna fir-riżorsi umani, kbirna bħala numru u ssaħħaħna kemm fil-livell ta' fizzjali kif ukoll fil-livell ta' struttuti. Infetħu sezzjonijiet ġodda li huma speċjalizzati bħal ma nsibu fil-*Criminal Investigations Department* - uffiċċji speċjalizzati fejn jidħol serq ta' opri tal-arti, omiċidji, serq ta' vetturi. Barra r-reati tal-frodi u dawk tal-vizzji illum hemm ukoll il-*money laundering*. Ġew introdotti ukoll sezzjonijiet bħal *EURODAC u s-Cyber Crime Unit.* Dan kollu jkompli jsaħħaħ l-*image* tal-Korp tal-Pulizija.
Il-Kummissarju ma setgħax ma jsemmiex il-fatt li għal dawn l-aħħar ħames/sitt snin ir-rata tal-kriminalita` naqset b'mod konsiderevoli. L-istatistika ġibniha kważi lura għas-snin tal-1997 u l-1998. Il-Kummissarju jemmen li r-rata tal-kriminalita` hija xi ħaġa li kollha rridu naħdmu fuqha flimkien sabiex inkomplu nnaqsu n-numru ta' reati.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kull membru tal-Korp huma għal qalb il-Kummissarju. Dan jidher f'ħafna fatturi li seħħew tul dawn l-għaxar snin. Ħafna miżuri ġew introdotti sabiex il-Pulizija jgawdi minn aktar benefiċċji. Il-Kummissarju qalina li huwa jixtieq jagħmel ħafna aktar, pero jekk wieħed iħares lura l-ewwel ħaġa li jsemmi huwa propju x-*shift.* Qabel, l-*off duty* kien jittieħed wara ħames ġranet, mentri illum tieħu l-ġurnata *off* wara tlieta. Fl-opinjoni tas-Sur Rizzo l-membri tagħna kienu tista' tgħid jiġu 'abbużati' meta kienu jdawrulhom ix-*shift* bl-addoċċ, illum wieħed jaf x'inhu xogħol u jista' jippjana fit-tul. Huma ftit l-istanti fejn ikun hemm ċaqliq u dan meta jkun hemm attivitajiet kbar li jseħħu fil-pajjiż bħal ma huma elezzjoni jew il-festi. B'mod speċjali meta jkollok festa bħall-Vitorja, fejn għandek irħula jiċċelebraw il-festa, regatta, *sports* u l-pontifikat ġewwa San Ġwann. B'dawn il-*commitments* kollha trid nies biżżejjed sabiex taħdem u jkollok bla ma trid tmiss xi ftit *shifts.* Meta dan isir wieħed joqgħod attent sabiex il-bidliet ikunu komdi ukoll għal Pulizija. Il-fattur ta' *shift* kompla jissaħħaħ ukoll bil-fatt li llum il-ġurnata wieħed m'għandux għalfejn iċempel biex jara x'inhu xogħol għax apparti li għandek *shift* fiss, id-*detail* tasal permezz ta' *email.* Tranġat ukoll is-sistema fejn wieħed jista' jieħu *leave* fit-tul mingħajr ma jitlef il-ġurnata *off* tiegħu. Dawn huma forsi affarijiet żgħar spjega l-Kummissarju pero ħass li kellu jieħu azzjoni fuqhom għax fl-opinjoni tiegħu kienu ngusti għal Pulizija. Kien hemm ukoll l-anomalija fuq il-paga fejn wieħed li jaħdem f'uffiċju u wieħed li jaħdem pajżan ġewwa skwadra ma jieħux l-istess benefiċċju żejjed. Din ukoll ġiet irranġata. Wieħed għandu japprezza li l-Kummissarju ħares lejn dan il-fattur fejn il-familja teffaħħa




HSBC Premier is relationship banking without boundaries, designed to give our customers recognition and benefits whether at home or abroad.

With HSBC Premier you'll be in complete control of your money wherever you are. You can even transfer money instantly and without charge between your accounts through Global View in specified countries.

Other benefits include

- A dedicated Relationship Manager to assist you in all your banking requirements
- Preferential interest rates on mortgages and personal lending
- A Premier MasterCard entitling you to reward points and special discounts and privileges locally and abroad
- Free multi trip travel insurance for you and your family
- Worldwide emergency assistance with a global safety net for you and your family
- Premier online banking enabling you to access and manage all your HSBC Premier accounts via a single logon

Are you building a life without boundaries?
Would you like to?

Start now at www.hsbc.com.mt/premier
Or contact your local branch.

HSBC **Premier**

HSBC
The world's local bank

Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Archbishop Street, Valletta VLT1444. HSBC Bank Malta p.l.c. is licensed by the MFSA to conduct investment service business and is enrolled as a tied insurance intermediary of HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. Subject to account opening criteria.

fl-ewwel post. Il-fatt li tara persuna bil-familja kemm jekk taħdem fi skwadra u kemm f'ufficċju li m'għandiex benifficċju daqs ħaddieħor kienet tweġġgħu.

Deskritt bħala proġett *milestone*, il-Kummissarju semma' kif it-taħriġ li qed jingħata l-akkademja speċjalment fejn jidħol l-użu tal-arma huwa ta' importanza assoluta. Huwa rrankonta żmien fejn qabel il-Pulizija kienu jġorru arma tan-nar fuqhom mingħajr ma kellhom taħriġ kif jużaw din l-arma. Huwa semma episodju fejn ntużat arma tan-nar mill-Pulizija u kienet saret inkjesta pubblika fejn qamet il-mistoqsija li l-Pulizija kellhom jingħataw taħriġ qabel tiġi użata l-arma. Illum il-ġurnata ġiet introdotta sistema ta' taħriġ b'mod regolari. U filfatt l-ewwel darba fil-Korp ġie introdott tmien siegħat taħriġ maqsum fuq darbtejn lil kull membru mill-ħin tax-xogħol. Jiġifieri mhux biss naqsu s-siegħat żejda li Pulizija ried jaħdem, imma nstab mezz ukoll sabiex jingħata taħriġ essenzjali. M'hemmx dubju li rnexxiet u li hija xi ħaġa pożittiva u l-ħsieb li tissaħħaħ u ssir iktar interessanti huwa ukoll fl-aġenda tal-Kummissarju. Filfatt il-Korp tal-Pulizija rebaħ l-ewwel premju fejn ġejna rikonoxxuti bħala l-aktar Dipartiment li jinvesti għall-membri tiegħu fit-taħriġ. It-taħriġ mhuwiex biss fuq l-armi, ġie introdott ukoll it-taħriġ fiżiku, taħriġ fuq it-*Tazer* avolja huwa minnhu li ssib minn jirreżiżti għal dawn l-affarijiet imma wieħed jipprova dejjem jimxi bl-aħjar mod u ma tħalliex kummenti jiskoraġġuna. Kif qegħdin fuq it-tema ta' taħriġ, wieħed ma jistax ma jsemmiex il-proġett ġdid tal-akkademja tal-Pulizija. Dan huwa suċċess u investiment mill-aqwa. Ir-riżultat ta' dan it-tibdil kollu kien wieħed pożittiv fl-opinjoni tal-Kummissarju u rrifletta kemm ix-xogħol sar bilgħaqal. Meta tqies li tnaqqas il-ħin tax-xogħol, iżda xorta waħda r-rata ta' kriminalita' naqset mhux ħażin.

F'intervista ta' ħames snin ilu s-Sur Rizzo kien semma l-introduzzjoni ta' rikonoxximent lill-membri tal-Pulizija, u hawnhekk semma li din kienet xi ħaġa li tinkoraġġik u timmotivak. Din kienet inizjattiva li ntlaqet tajjeb ħafna u għadha taħdem b'suċċess. Il-Kummissarju jemmen li l-membri tal-Korp illum il-ġurnata huma ħafna aħjar minn kif kienu żmien ilu. Wieħed ukoll ma jistax jinsa l-ambjent li jaħdem fih. Rajna bidla mhux ħażin f'dan is-settur. Tibda billi ssemmi l-Kwartieri Ġenerali, l-ufficini, diversi għasses tal-Pulizija kif ukoll il-bitħa tal-Kwartieri. Dawn kienu fi stat tista tgħid li ma jixraqx lill-pubbliku aħseb u ara lil minn irrid jaħdem ġewwa fihom. Dan kollu sar mir-riżorsi u l-għaqal tagħna. Tqassam ukoll apparat ġdid lill membri, bħal *radios, pepper spray,* kif ukoll manetti. Ġiet introdotta ukoll is-*Segway*, dawn kollha jirriflettu tajjeb fuqna bħala Korp f'għajnejn il-pubbliku. Kien hemm minn forsi kkritikana imma dawn huma kollha effiċjenti għal ġlieda tagħna kontra l-kriminalita`. Apparat ieħor li li ġie introdott bħal *breathalysers, DNA testing machine,* kif ukoll numru ta' karozzi ġodda li mistennija jaslu. Ir-rota, għal grazzja t'Alla dejjem baqgħet iddur, u l-iżvilupp ma jieqafx, dejjem għaddej.

Dan l-aħħar stajna naraw kif il-miedja kienet xi ftit inġusta mal-Korp tal-Pulizija, fejn kien hemm istanti li anki attakkat lill-Kummissarju direttament. Mistoqsi x'jaħseb dwar dan il-Kummissarju wieġeb li fl-opinjoni tiegħu l-miedja hija importanti ħafna u personalment huwa favuriha. Sfortunatament l-aġenda politika tal-miedja ma tgħinx speċjalment lill-Korp u jkun hemm waqtiet li minflok twassal il-kritika kostruttiva twassal dik distruttiva. Din tweġġa kemm meta tkun fuqu personali iżda l-iktar meta tkun fuq membri tiegħu speċjalment Spetturi għax taf tkissirhom. Il-Kummissarju jixtieq li jkun hemm iktar lealta' f'dak li jiġi rrapurtat.

Tul dawn l-aħħar għaxar snin rajna kif in-numru ta' membri tal-Korp żdied mhux ħażin, fejn fosthom kien hemm ukoll numru sabiħ ta' promozzjonijiet. F'żewġ reklutaġġi li saru dan l-aħħar, żewġt itfal tal-Kummissarju, Keith u Jeffrey saru Pulizija. Fuq dan il-Kummissarju tbissem u qalilna li qatt ma ħaseb li ser jagħżlu din it-triq. Huwa xtaq li kieku komplew l-istudji pero` jirraġuna li hija ħajjithom u ma jistax jagħżel minflokom. Jemmen li jekk huma kuntenti, huwa kuntent ukoll pero` xtaq li ladarba jitlaq mill-Korp ma jħalli xejn warajh – *"Liema missier jixtieq iħalli lil uliedu fil-periklu"* u dan minħabba l-fatt li aħna l-Pulizija naffaċjaw il-kriminalita`. Jinsab konxju li għandhom piż fuqhom minħabba l-pożizzjoni tiegħu u xi kultant kollegi tagħhom iħarsu lejhom b'mod differenti, jew jieħdu vantaġġ minnhom. Is-Sur Rizzo saħaq li huwa dejjem għallimhom sabiex jimxu b'dixxiplina u qatt ma jirrispondu. *"Ladarba ħadu din id-deċiżjoni jien ninkuraġġihom u x-xewqa tagħhom jien nirrispettaħa"* qalilna l-Kummissarju. Issa huma jridu jagħrfu jimxu għax il-piż tagħhom huwa itqal minn ta' ħaddieħor. Kull deċiżjoni li jieħu hu bħala Kummissarju speċjalment fejn tidħol dixxiplina, persuna jaf jizvoga r-rabja tiegħu fuq it-tfal. Il-Kummissarju semma' ukoll fuq kemm hija nġusta meta l-pozizzjoni tagħna bħala Pulizija jsofruha t-tfal tagħna. Anki meta jikbru, it-tfal tagħna jibqgħu iġorruha u din m'għandiex tkun.

Mument li ħasad mhux biss lill-Kummissarju imma ukoll lill-familja tiegħu kien iż-żmien meta sfortunatament is-Sur Rizzo ntebaħ li kellu problemi serji ta' saħħa. Kemm–il darba f'okkazzjonijiet smajtu jgħid li llum iħossu twieled mill-ġdid. Filfatt huwa reġa` ikkonferma din il-frażi. Kien żmien diffiċli mmens u li bidlitu f'ħafna modi. Huwa ħassu li kienet esperjenza negattiva u li fiha tilef l-enerġija pero` ġegħliethu jirrifletti u jaħseb ħafna. Maż-żmien imbagħad reġa` beda ġej għan-normal avolja qalilna li ċertu affarijiet ma jistax jibqa` jagħmilhom kif kien qabel. Mingħajr ma trid, is-saħħa ma tibqax li tkun. Pero` minkejja t-togħma qarsa li jġib miegħu l-mard, il-Kummissarju xorta jemmen li kull pass u episodju li tgħaddi minnu fil-ħajja huwa importanti. Wara kull maltemp jiġi l-bnazzi u hekk kien f'dan il-każ. Dan għaliex wara din il-fażi ġew ċelebrazzjonijiet ferm isbaħ għall-Kummissarju. Kienu filfatt meta żżewġu tnejn mit-tfal tiegħu, Dr Elaine





Art. 068783 Size 36 - 41
Art. 068784 Size 40 - 47



Art. 068773 Size 36 - 42
Art. 068774 Size 40 - 47



Art. 068753 Size 36 - 42
Art. 068754 Size 40 - 47

- Slip-resistant Vibram® outsole for grip and traction in any situation
- Antistatic shock-absorbing direct-injected PU midsole to minimize joint and muscle fatigue
- Receptor Technology plate for optimized guidance through every step
- Internal heel-stabilizer which encapsulates the heel and minimizes the degree of pronation
- Poliyou interchangeable inlay sole for all-day comfort feeling
- Anatomically-moulded heel-counter for superior heel grip
- 100% waterproof GORE-TEX membrane for maximum comfort in all weather conditions
- Full grain leather-upper construction



ECCO Professional series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue and Security and Traffic Wardens.

All styles in the ECCO Pro Series are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

| Tower Shoes, 4, Tower Road, Sliema **2133 3777** | St. Julian's Road, San Gwann **2137 8433** | King Shoe Shop Tigrija Palazz (Level 2) - Gozo **2156 9423** | Ordnance Str, Valletta **2122 4804** | Level 0, Baystreet St. Julian's **2372 0010** |
|---|---|---|---|---|

ecco®
ecco-shoes.com.mt

Mercieca Rizzo kif ukoll Keith. Dawn kienu żewġ avvenimenti fejn id-dmugħ kien ta' ferħ. Il-Kummissarju awgura li kull persuna jgħaddi minn esperjenza bħal din għax skond hu huma episodji f'ħajtek li ma tinsa qatt. Wieħed ma jistax ma jsemmiex li ftit ilu, il-Kummissarju sar nannu wara li t-tifla tiegħu kellha tarbija. Saqsejnih kif qed iħossu u minnufih qalilna li qed iħossu fortunat li qed jgħix dawn il-mumenti.

Żgur li kważi kull wieħed u waħda minnha f'xi okkazjoni kellna l-pjaċir niltaqagħu mas-Sinjura Catherine Rizzo, il-mara tal-Kummissarju. Fl-opinjoni tiegħi mara umli ħafna u ma tistax ma tieħux grazzja magħha. Il-Kummissarju f'diversi intervisti u okkazjonijiet dejjem kellu kliem ta' tifħir lejn il-mara tiegħu. Huwa spjega kemm kien importanti għalih is-sapport tagħha tul il-karriera tiegħu. Sapport kontinwu minn tad-dar huwa essenzjali speċjalment meta wieħed ikun fil-kariga ta' Spettur għax ix-xogħol jirrikjedi tul ta' ħin 'l bogħod mill-familja. Il-Kummissarju jħossu fortunat li fil-mara tiegħu sab dan l-appoġġ għax tul il-karriera tiegħu huwa seta jaħdem iktar irrilassat u seta jikkonċentra aktar. *"Qatt ma naf li gergritli, pero dejjem kienet tkun taf fejn inkun"* qalilna s-Sur Rizzo. Huwa konxju ħafna li l-familja tiegħu bagħtiet miegħu minħabba x-xogħol speċjalment meta kien is-CID. Kienu żminijiet fejn huwa u l-familja tiegħu sofrew theddid ikraħ. Huwa semma episodju li ma hu ħa jinsa qatt peress li kien l-iktar li kien weġġħu. Dan kien meta sparaw fuq il-ġenituri tiegħu.

Il-Kummissarju minn dejjem kien jaħdem ħinijiet twal, u dan il-mara tiegħu kienet tafu għax meta kienu għadhom għarajjes, il-Kummissarju kien għadu jilħaq Surġent u kien ġie magħżul mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien sabiex imexxi r-renovazzjoni tal-karti tal-identita`. Dan kien jirrikjedi ħinijiet twal fejn ġieli kien jispiċċa f'nofs ta' lejl pero' xorta waħda kien imur jiltaqa' ftit mal-għarusa. Is-Sur Rizzo qalilna li huwa minn dejjem kellu ġibda għax-xogħol u kien jidħol għalih b'ruħu u ġismu u jinsab kuntent li x-xogħol tiegħu tul dawn is-snin kollha ġie identifikat u apprezzat mis-superjuri kollha li huwa ħadem magħhom. Huwa jemmen li dan jirrefletti meta wieħed iqies li f'ħamsa u għoxrin sena minn Pulizija huwa laħaq Kummissarju.

Minn hawn 'il quddiem il-Kummissarju qed jaspira sabiex wara li jilħaq xi ftit oġġettivi li fadallu kif ukoll li jħoss li huma importanti, jibda t-triq sabiex jirtira u jkun jista' igawdi lin-neputijiet. Jinsab konxju li ma għandux is-saħħa li kellu meta daħal fil-Korp fis-sena 1976 pero llum il-ġurnata huwa persuna matura.

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-Kummissarju talli għoġbu jiddedikalna l-ħin sabiex setgħet issir din l-intervista kif ukoll nawguralu s-saħħa u l-kuntentizza kemm fil-karriera kif ukoll fil-ħajja personali tiegħu.



# "Nilqagħkom fi ħdan il-Korp"

## Il-Kummissarju tal-Pulizija

## Ħatra ta' Kuntistabblijiet

WPC 25 Charlene Cilia - CMRU





Nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2011 tibqa' ġurnata memorabbli għal 83 raġel u mara li ġew mogħtija l-ġurament sabiex hekk il-Korp tal-Pulizija żdied bi 83 kuntistabbli. Dan bħal ma hija l-prassi, sar permezz ta' ċerimonja ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija fejn fost il-familjari tar-rekluti kien hemm preżenti l-Onorevoli Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi, kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo.

Iżda dan mhux kollox, għax dawn it-83 membru ġdid ma sarux kuntistabblijiet b'xi sempliċita', iżda wara li attendew kors ta' taħriġ għal matul din l-aħħar sena ġewwa l-istess Akkademja tal-Pulizija. Huma kellhom jgħaddu minn diversi eżamijiet sabiex waslu għal din il-gradwazzjoni.

Il-Korp tal-Pulizija fl-immodernizzar tiegħu jaċċerta li dawn il-membri ġodda jkunu ġew imħarrġa kemm akkademikament u kemm fiżikament fl-aspetti legali u prattiċi li l-Pulizija tiltaqa' magħhom u taħdem bihom sabiex tkun ta' servizz għall-pubbliku.

Id-daqq tal-banda tal-Korp tal-Pulizija taħt id-direzzjoni tal-Ispettur Sandro Camilleri, tat bidu għal din il-parata sabiex tliet stakkamenti mmexxija mill-Ispettur Stephen Mallia, il-Maġġur 1007 Michael Mulveney kif ukoll is-Surġent 1137 Kevin Vella, is-Surġent 823 Ivan Brincat u s-Surġent 1131 Justin Camilleri, ħadu posthom ġewwa l-*parade ground*. Mal-wasla tal-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija, ingħata s-salut. Wara li ndaqqu l-ewwel tmien battuti tal-Innu Malti, il-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija, Fr Raymond Bonnici, ġabar lil kulħadd għal talba żgħira.

Wara saret parata fejn ir-rekluti b'serjeta' liema bħala kif ukoll b'dixxiplina, immarċjaw u offrew parata mill-isbaħ lill-mistiedna. Saret ukoll l-ispezzjoni tal-parata fejn wara kien




# MALTA STOCK EXCHANGE plc

## Integrity Generates Confidence

Malta Stock Exchange plc forms an important part of the Maltese financial sector and is at the forefront of Malta's drive to become a major international financial centre.

### Legal and Regulatory Framework

Internationally recognised legislative and regulatory standards

### Admission

Simple and flexible regulations - fast admission process - competitive fees

### Trading

Multi-currency/multi-instrument electronic trading system - integrated clearing and settlement, registration and surveillance systems

### Back Office Services

Dematerialised central securities depository, clearing and settlement, interoperable links, custody services, registrar services and dissemination of company and market information

**Malta Stock Exchange plc is a Member of:**

**Federation of European Securities Exchanges**
**World Federation of Exchanges**
**European Central Securities Depositories Association**
**Association of National Numbering Agencies**
**International Organisation of Securities Commission**

*Malta Stock Exchange plc is also a signatory to the EU Code of Conduct on Clearing and Settlement*

**Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063, Malta**
**Tel: +356 21 244 051 Fax: +356 25 696 316**
**E-mail: borza@borzamalta.com.mt Website: www.borzamalta.com.mt**




## An investment opportunity with a difference

- Bringing together specialist managers into a single fund
- Adopting different approaches and different styles to investing
- Providing an innovative, yet sophisticated cost efficient investment solution
- Accessing a range of equity funds

# multi-manager, multi-talent & multi-approach

**VILHENA EUROPEAN MULTI-MANAGER FUND**

**VILHENA UK MULTI-MANAGER FUND**

**VILHENA US MULTI-MANAGER FUND**

VALLETTA FUND MANAGEMENT

**8007 2344 | vfm.com.mt**
BOV Branches in Malta and Gozo
& Licensed Financial Intermediaries

Past performance is not a guarantee to future performance. The value of the investment may fall as well as rise and any initial charges may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV plc is licensed by the MFSA and qualifies as a UCITS. Issued by VFM, TG Complex, Suite 2, Level 3, Brewery Street, Mriehel BKR 3000. Source: VFM



imiss li jittieħed il-ġurament tal-ħatra tant mistenni u li tant dawn ir-rekluti ħadmu għalih. Filfatt tajjeb li wieħed isemmi li dan kien propju l-itwal kors ta' taħriġ għar-rekluti li qatt ingħata fl-istorja tal-Korp fejn it-taħriġ kien wieħed intensiv.

L-għoti ta' premijiet wasal għand erba' kuntistabbli ġodda li b'mod differenti minn xulxin iddistigwew ruħhom tul dan il-kors. PC 256 Kurt Bugeja Coster ġie ppremjat wara li kklassifika ruħu fl-ewwel post fl-eżamijiet tul dan il-kors. Segwih propju PC 251 Christian Abela fit-tieni post u PC 1235 David Mercieca fit-tielet post. PC 130 Roderick Farrugia ngħata l-premju bħala l-aħjar rekluta tal-kors.

Kien imiss hawn li jsiru d-diskorsi tal-okkażżjoni. Ir-rappreżentant tar-rekluti, f'isem sħabu qalilna li bħal kull battalja li trid tintrebaħ hemm bżonn li wieħed ikun imħejji u ppreparat sewwa. Huwa spjega kif kull ġurnata kienet tibda mal-ħoss tat-takkuna tas-surġenti tad-*drill* fejn jekk forsi xi għajta ma naqsitx kien taħriġ ta' dixxiplina ntensiva. Fit-taħriġ fiżiku, avolja bl-infiħ għamlu kull sforz possibbli. Taħriġ ingħata ukoll fid-difiza personali u fl-użu tal-armi tan-nar. Bħala l-ewwel grupp huma ngħataw ukoll taħriġ fis-salvataġġ fil-baħar li żgur kollha qablu li ser jsibuh utli. Għalkemm l-għejja ma naqsitx u sar sforz sabiex jiġu segwiti l-lezzjonijiet fuq diversi suġġetti li ġew imħarrġa fuqhom, kollha qablu li dawn huma kruċjali għad-doveri ġodda tagħhom. PC130 semma wkoll aspett 'pożittiv' immens li huma l-esperjenza tal-*live-in* kif ukoll ir-*route marches* li ressaqhom aktar qrib xulxin biex illum saru iktar magħqudin. Ir-ringrazzjament speċjali ta' Roderick u ta' sħabu kollha mar għall-familjari, iżda mod partikolari; il-Pulizija ġodda rringrazzjaw lil xulxin tal-esperjenzi li qasmu bejniethom u li żgur m'huma ħa jinsew qatt. Il-biża' li bdew biha dan il-kors sena ilu, illum nbidlet f'kunfidenza fihom infushom sabiex jibdew din il-karriera.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, li f'dan il-kors ukoll assista għall-ħatra bħala kuntistabbli ta' tifel ieħor tiegħu, feraħ lil dawn il-Pulizija ġodda u tahom merħba fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Is-Sur Rizzo spjega kif fix-xogħol ta' Pulizija, taf kemm taf, qatt ma taf biżżejjed u ta' kuljum titgħallem xi ħaġa ġdida. Kien hawn li nkuraġġiehom sabiex jibqgħu jistudjaw. It-tagħlim li ngħataw hija l-għodda li jridu jaħdmu biha u huwa mportanti li dan it-tagħlim jiżvillupawh u jixxprunawh bi studju aktar avvanzat. It-tagħlim huwa ċ-ċavetta tas-suċċess u filfatt fil-Korp tal-Pulizija wieħed issib diversi opportunitajiet għal min irid jagħmel karriera fi ħdanu. Il-Kummissarju għamel enfasi qawwija fuq xi jġorr miegħu x-xogħol tal-Pulizija, ir-responsabbilità kbira, kif ukoll id-dixxiplina li trid tobdi kull ordni leġittima rrelevanti jekk tridx jew jekk togħġbokx. Dan ix-xogħol iġorr miegħu wkoll perikli, perikli li l-pajżan jaħrab minnhom iżda l-Pulizija jrid jiġri lejhom u jidħol fihom bi dmir u dover. Fid-diskors tiegħu, il-Kummissarju ma semmiex biss dawk li aħna nsejħulhum l-aspetti negattivi għax filfatt huwa stess qal li kieku jerġa' lura, jerġa' jagħżel l-istess karriera. Dan għaliex ix-xogħol joffri sodissfazzjon li diffiċli tiddeskrivih fi ftit diskors.

"Qatt tinsew il-ġurament li għadkom kemm ħadtu". Din il-frażi kienet akkumpanjata ukoll ma' diskors fuq l-ostakli li ħa jsibu quddiem għajnejhom dawn l-uffiċjali l-ġodda waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Tentazzjonijiet li ħa jfixklukom waqt id-dover, iżda li importanti li huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi personali, ma jaqawx għal dawn it-tentazzjonijiet. "Jekk taqa' darba inti tkun waqajt għal dejjem". Qabel ma temm id-diskors tiegħu, is-Sur John Rizzo b'ton sod tenna sabiex issa li ħadu l-ħatra ta' kuntistabblijiet dawn l-uffiċjali ikunu tarka taċ-ċittadini u l-protetturi tal-vittmi tal-kriminalita`. Saħaq ukoll fuq l-imġieba li għandha tkun waħda eżemplari. Ħeġġiġhom sabiex ikunu ambaxxaturi denji tal-Korp tal-Pulizija.






**LIQUIGAS**
**Malta Ltd.**

# TWINY

## *The technological innovation in LPG*

Whether you're off camping or organising a bbq with friends, Twiny should always be by your side. With its stylish and innovative design, Twiny represents a technical evolution in LPG cylinders. It is innovative from all points of view – it is only 31cm in diameter and 31cm high, light weight and stores 5kg gas, excellent to carry around.




### *TWINY*

Multi purpose LPG (Liquified Petroleum Gas) cylinder.

### *T-Grill*

T-Grill is an exclusive accessory to Twiny cylinders. Both versatile and practical, this accessory groups together grill and stove functions and is ideal for outdoor cooking.






### *Stone Cooking Plate for T-Grill*

The stone cooking plate is made to fit on the T-Grill. It distributes heat evenly and produces great tasting food which maintains its natural taste and fragrance.

### *T-Light*

The lamp, made especially for the Twiny, which provides lighting from 10 to 200w.






### *20mm T-Control*

This regulator is required if you would like to connect your Twiny to existing LPG operated appliances such as cooking hob, gas bbq or heaters.

**Liquigas Malta Ltd –** Enquiries: 2165 5000 - From 8am - 5pm
Email: info@liquigasmalta.com Website: www.liquigasmalta.com

**Available from Liquigas in Qajjenza and authorised dealers.**



L-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi fil-messaġġ tiegħu spjega kif il-Korp tal-Pulizija huwa wieħed mill-pedamenti ewlenin ta' pajjiżna kif ukoll, dan għandu jkun it-tarka tad-drittijiet umani ta' pajjiżna. Huwa ħeġġeġ lil dawn il-Pulizija l-ġodda sabiex iħarsu 'l quddiem lejn karriera ta' servizz fil-Korp.

Huwa spjega lil dawn il-kollegi ġodda tagħna li huma għandhom responsabbiltà ġdida li hija, li jkunu ta' servizz u ta' serħan il-moħħ għall-poplu. Dan ser jġib miegħu mumenti ta' ferħ u mumenti diffiċli, mumenti fejn ser jagħtu aħbar sabiħa u oħrajn fejn ser iwasslu messaġġ negattiv. F'dan kollu, għandha toħroġ l-umanita' u l-valuri tagħhom. L-Onor Gonzi spjega kif membru tal-Pulizija jġorr il-piz tal-kariga tiegħu fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata, 24 siegħa kuljum, fejn saħaq ukoll li l-istat qed jistenna minn dawn il-Pulizija li jużaw l-istess kejl ma' kulħadd mingħajr preferenzi jew favuri u japplikaw il-liġi mingħajr biża', kif propju ħalfu fil-ġurament tagħhom. Is-serjeta' u responsabbilta' għandha tkun preżenti f'kull mument tal-ħajja. Id-diskors għalaq fejn sar ringrazzjament lill-Akkademja tal-Pulizija għax-xogħol siewi li qed twettaq u l-appoġġ kontinwu li tagħti lil kull membru tal-Korp. L-awguri mill-Onor Prim Ministru kien mhux biss għall-karriera twila fil-Korp imma karriera li tagħtihom ukoll sodisfazzjon personali.

Wara li sar id-diskors tal-Prim Ministru, il-Banda tal-Pulizija ħarġet mill-*parade ground* fejn kien wasal il-mument tant mistenni. Dak meta b'għajta waħda kollha flimkien, il-kuntistabbli ġodda għollew il-brieret tagħhom sabiex b'hekk, ġie fi tmiemu perjodu li għalkemm kien fih mumenti ta' sagrifiċċju u forsi ta' sforz kbir, iżda żgur li kien imżewwaq b'mumenti feliċi li żgur qatt m'huma se jiġu minsija. Waqt li kien qed isir ir-riċeviment tal-okkażżjoni, stajt tara espressjoni fuq wiċċ il-Pulizija li żgur kienet qed tirrifletti s-sodisfazzjon li kienu qed iħossu dak il-ħin. Xi demgħa ma naqsitx l-anqas, iżda dan kien dmugħ ta' ferħ. Kienet ċerimonja mill-isbaħ, imżewqa b'ħafna emozzjonijiet u li nista' ngħid ġabitli nostalġija mhux ħażin ta' żmien ir-reklutaġġ tiegħi.

L-għada kelli ċ-ċans u l-opportunita' sabiex ninżel sal-Akkademja tal-Pulizija sabiex niltaqa' mal-kollegi l-ġodda tagħna u nitkellem ftit magħhom rigward il-kors li kienu għadhom kif spiċċaw. F'kummenti li ħadt ħarġet mhux darba li l-bażi li ħadu f'esperjenza u teorija kienet utli ħafna. Serviet ħafna sabiex tissoda karattru, titgħallem tkun indipendenti iżda titgħallem taħdem *f'team*. PC 256 Kurt Bugeja Coster spjega kif l-esperjenza li kellu tul dan il-kors bidlitu ħafna. Tbissimt meta Kurt iddeskriva l-ewwel ġurnata tiegħu l-Akkademja fejn qal li x'ħin ra lis-surġent ħiereġ bil-bastun fost ħafna għajjat ħakmitu xi ftit biża' u ħassu bħal bniedem għarwien u qed jistħi. L-esperjenza li Kurt akkwista meta kienu ġew imqassma r-rekluti f'distretti u branki differenti kienet waħda li għenitu mhux ftit. Illum qed iħares lejn karriera twila fejn jittama li tkun mimlija b'sodisfazzjon u esperjenzi ġodda avolja xi ftit ansjeta` għall-bidu ma tonqosx. Magħna tkellem ukoll PC 130 Roderick Farrugia li kif diġa` għedna ġie premjat bħala l-aħjar rekluta. Roderick, simili bħal, Kurt, jinsab ukoll xi ftit beżgħan fix-xogħol li ħa jiltaqa miegħu barra, iżda kien pożittiv fi kliemu u jemmen li l-kunfidenza max-xogħol tiġi jekk tkun determinat li titgħallem. Fuq il-kors inġenerali, Roderick faħħar ħafna s-suġġetti li ġew imħarrġa fuqhom, anzi xtaq u f'dan il-punt kollha kellhom l-istess ħsieb, li setgħu ingħataw iktar informazzjoni fuq suġġetti bħal użu ta' *radios*. Pożittivi wkoll kienu l-kummenti fuq l-ambjent ta' *lecture room* fejn spjegaw li kienet komda u mgħammra mhux ħażin iżda PC 1028 Christian Sciberras li lkoll offra s-sehem tiegħu waqt din l-intervista spjega kif kienu japprezzaw li kieku kienu klassijiet maqsumin, minħabba l-fatt li n-numru kien kbir għal klassi waħda. Għalkemm dan ikkontribwixxa sabiex ikunu aktar magħqudin iżda dan seta' jtellef xi ftit. Christian tkellem ħafna fuq l-esperjenza tal- *live-in* fejn spjega kif dan l-eżerċizzju tkun trid tfendi għar-rasek u tagħmel kollox int. Filfatt ammira ħafna lil sħabu li huma residenti f'Għawdex għax jemmen li għalihom kienet esperjenza b'daqsxejn iktar sforz mill-oħrajn. Ma setax jonqos li nieħu ftit ħsibijiet ta' Pulizija mara u nisma' l-aspetti li ltaqet magħhom tul dan il-kors. WPC 320 Erica Agius spjegat kif għall-bidu kienet ser taqta' qalbha, dak l-għajjat u dixxiplina stretta ħasadha mhux ftit. Anki l-ambjent li sabet jilqagħha l-ewwel ġurnata dejjaqha tant li qalet li ħassitha dieħla ġo ħabs. Iżda llum tħares lejn dan il-kors bħala okkażjoni li swita sabiex tissoda l-karattru u timmatura.

Illum il-ġurnata, dawn il-membri jinsabu mqassma ġewwa d-distretti tal-Korp, sabiex issa dak li tgħallmu jipprattikawh fir-realta' lejn il-ġid komuni tas-soċjeta'.

Filwaqt li nifirħu lill-kollegi l-ġodda tagħna, nawgurawhlom kull suċċess fil-karriera tagħhom.

charlene.camilleri@gov.mt


GOING ABROAD?
FEXSERV
travel money
85 currencies
Competitive rates
No commission
FREE buyback guarantee
FREE Airmiles


cash for cheques
WE BUY CHEQUES
Fexserv converts your foreign currency pension, interest and dividend cheques, travellers cheques or any bank draft to euro.
NO CHARGES • COMPETITIVE RATES • IMMEDIATE CASH
FEXSERV
Pre-ordering of currencies is recommended
SAN GWANN | VALLETTA | ST. JULIAN'S | GZIRA | VICTORIA, GOZO
Tel: 2576 2576 | Web: www.fexserv.com | Email: info@fexserv.com

ame

health and safety services ltd.




**AME health and safety services ltd** is a locally based consultancy and training provider in the Occupational Health and Safety field. We provide our services to all business operators in industrial, commercial and any work environment that entail human activity.

AME is made up of our highly specialized team of qualified personnel in Diploma for Social Studies (Occ. Health and Safety) University of Malta accredited by the Institute of Occupational Health and Safety (IOSH, UK)

Our commitment is to promote awareness and procedures in accordance with Occupational Health and Safety Regulations.

**RISK ASSESSMENTS • OHS MANAGEMENT CONSULTANCY • INSPECTIONS • TRAINING**

Innovation Centre, Apartment 2, Tower Street, Swatar, B'Kara BKR 4012. Tel: 2149 5781 Fax: 2144 6234 www.ame.com.mt


CARUANA CONSTRACTIVE CO. LTD.
WE BUILD YOUR FUTURE
BUILDING & TURNKEY
CONSTRUCTION
CRANE HIRE SERVICE
DIRECTOR: PETER CARUANA
13, TRIQ TAL-WEJ, MOSTA MST 2464
TEL: 21423851 - FAX: 21 424292
MOB: 7942 8465
E-MAIL: CACTIVE@GO.NET.MT
WWW.CONSTRACTIVE.COM
ISUZU
LEYLAND

# "Leading by Example"

## *Il-Kummissarju tal-Pulizija*

## *Ħatra ta' Surġenti*

WPS 101 Roberta Grima - CMRU



Nhar it-12 ta' Ottubru 2011, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo fil-preżenza tad-Deputat Kummissarju, is-Sur Joseph Cachia, l-Assistent Kummissarju, inkarigat mill-Amministrazzjoni, is-Sur Lawrence Cauchi, kif ukoll is-Supretendent Mario Spiteri, inkarigat mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, ħatar 21 Surġent tal-Pulizija ġdid.

F'doskors informali li għamel il-Kummissarju, huwa tenna kif dan l-aħħar bdiet titħaddem *policy* ġdida fir-rigward ta' promozzjonijiet. Is-Sur Rizzo spjega kif fejn qabel minn ċertu ammont ta' applikanti, grupp kien ikollhom jibqgħu barra ħabba li n-numru limitat ta' vakanzi, illum il-ġurnata, dan ma għadux iseħħ. Li jsir issa huwa li dawn jibqgħu pendenti sakemm jinħoloq post għal Surġenti oħra peress li oħrajn ikunu ħadu promozzjoni jew għalqu s-servizz. Il-Kummissarju tenna l-kliem li dawn l-applikanti ma kinux minsija – u dan fid-dawl ta' dak li ġie allegat f'ċertu sezzjoni tal-*media*.

Id-diskors tas-Sur Rizzo kompla billi semma l-importanza tar-rank ta' Surġent. Huwa semma kemm huwa ta' responsabbilita` ir-rank u kemm is-Surġent għandu jagħti l-eżempju u jieħu ħsieb lill-ħaddieħor. Surġent tal-Pulizija għandu jżomm id-dixxiplina u għandu jkun fis-sew sabiex il-Pulizija tiegħu jkunu fis-sew ukoll.

"Minn hawn u ftit ieħor ser nagħtukom il-*posting*, ser tkunu mqassmin f'diversi distretti jew *branches*, tkunu fejn tkunu tridu tieħdu ħsieb ħaddieħor, tridu tagħtu ordni, tgħidulhom x'jagħmlu. Fuqkom għandkom responsabbilita` li tmexxu 'l ħaddieħor tajjeb, għandkom ir-responsabbilita` għal għemil ħaddieħor", stqarr is-Sur Rizzo.

Huwa dderieġa lis-Surġenti l-ġodda sabiex ikunu jafu sew il-Kodiċi tal-Pulizija, l-Att dwar il-Pulizija kif ukoll il-Kodiċi Kriminali. Dan sabiex huma jkunu preparati fil-qadi tad-doveri tagħhom u jkunu Surġenti tajbin – bħal ma kienu fi żminijiet oħra, is-sinsla tal-Għassa.

Il-Kummissarju kompla jgħid lis-Surġenti li għandhom joqgħodu attenti għall-emendi li jkun hemm fil-liġijiet u r-regolamenti sabiex ikunu jafu fejn hemm u fejn m'hemmx ksur ta' liġi għaliex "illum il-poplu jaf u ser issibu min jagħmlilkom *challenge*".

Is-Sur Rizzo reġa` saħaq fuq l-importanza tad-dixxiplina fejn semma' it-traskuraġni li ssib f'ċerta distretti u semma' kif jekk Pulizija jitħallas ta' disa' sigħat dan għandu jagħti disa' sigħat ta' xogħol lura lill-pajjiż. Is-Surġent ser jibda jinżamm responsabbli jekk ikun hemm nuqqasijiet mill-Pulizija li jaqgħu taħtu.

# Cash for Christmas



PARK TOWERS
SUPERMARKETS

This Christmas look out for our *Cash for Christmas* offer.




Get cash vouchers when purchasing products with the Cash for Christmas label.
Redeemable from 1st January to 31st January 2012.

**+ Get an extra Eur5.00 voucher with every Eur100 spent.**

**+ Free 3pkts of Kristal water or 5 (1.5l) soft drinks or 700 extra points with every Eur100 spent.**

## December Opening Hours

| | |
|---|---|
| Sun 4th | 9.00 - 14.00 |
| Thu 8th | 9.00 - 18.00 |
| Sun 11th | 9.00 - 16.00 |
| Tue 13th | 9.00 - 18.00 |
| Sun 18th | 9.00 - 17.00 |
| Sat 24th | 7.30 - 18.30 |
| Sat 31st | 7.30 - 18.00 |

**St. Julians** - The Mall, Park Towers - call 2137 8520 or stj@myparktowers.com
**Santa Venera** - Psaila Street - call 2148 0807 or stv@myparktowers.com

Carrefour



Is-Surġenti ġodda ġew mgħarrfa li r-rank il-ġdid tagħhom għandu *challenge, challenge* li pero` mhijiex impossibbli. "Jekk tkunu serji fix-xogħol tagħkom kollox isir" saħaq il-Kummissarju.

*Issue* partikolari li l-Kummissarju tal-Pulizija jħobb isemmi u jagħti importanza fuqha hija dik tal-korruzzjoni. *Issue* taħraq li iżda hi mportanti li tiġi imwassla ... "Tentazzjoni ħa jkollkom, taqgħux għaliha", "Ftakru f'Mark Farrugia – fuq sempliċi *ticket* aħseb u ara fuq korruzzjoni. Aħjar titlaq mill-Korp għax taqa` darba u tiġi pupazz".

Iċ-ċerimonja nformali ntemmet bis-Sur Rizzo jagħlaq id-diskors permezz tal-awguri tiegħu u r-rappreżentant mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani jagħti l-*postings*.

Is-Surġenti li laħqu huma :

| | |
|---|---|
| WPS 250 | Amanda Bunce – Distrett 1 |
| WPS 125 | Christabel Mallia – Uffiċċju l-Belt Valletta |
| PS 1370 | Antoine Micallef – Uffiċċju Birkirkara |
| PS 1128 | Glenn Sammut – Distrett 6A |
| PS 1050 | Simon Marshall – Distrett 2 |
| PS 267 | Anthony John Cassar – Skwadra Mobbli |
| PS 1030 | Clinton Theuma – Distrett 6A |
| WPS 26 | Melanie Lorraine Micallef – CDO |
| PS 750 | Terry James Mallia – Distrett 6A |
| PS 1139 | Karl Cassar – Taqsima tat-Traffiku |
| PS 855 | Malcolm Buttigieg – Distrett 6 |
| PS 700 | Conrad Busuttil – Taqsima tat-Traffiku |
| PS 1273 | Klaus Mifsud – Distrett 6A |
| PS 1449 | David Parnis – SIReNE |
| PS 527 | Stephen Camilleri – DIK |
| PS 6 | Duncan Demicoli – Forensika |
| WPS 224 | Suzanne Mifsud – Distrett 8 |
| PS 56 | Jean Carl Grech – Distrett 6A |
| PS 767 | Ismael Vassallo – IT |
| WPS 219 | Erica Abela – Distrett 7 |
| PS 166 | Godwin Grech – ORC |

roberta.a.grima@gov.mt



# "Integrità, Onestà, Lealtà"

### Il-Kummissarju tal-Pulizija

## Ħatra ta' Spetturi

WPC 25 Charlene Cilia - CMRU



Il-Korp tal-Pulizija dejjem kien responsabbli u ppreokkupat li jibqa' jikkumbatti l-kriminalita` b'integrita` lejn il-membri tal-pubbliku. Għaldaqstant dejjem tiġi miżmuma l-kontinwita` li jkollu investigatur u amministratur biżżejjed sabiex ikun ċert lill-pubbliku jħossu sikur u moqdi fil-bżonnijiet tiegħu.

Fit-28 ta' Settembru 2011, inħatru 31 Spettur ġdid fejn fosthom hemm 7 nisa u 24 raġel. Spetturi iżda ma jsirux faċilment. Wara li jiġu skrutinizzati f'eżamijiet sabiex jiġu magħżulha jattendu kors ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija sabiex jieħdu t-taħriġ meħtieġ kemm fil-legalita` meħtieġa u kemm fil-prattika. Wara li jgħaddu minn diversi eżamijiet fejn huwa rikjest li jġibu l-marka tal-anqas medja, dawn jiġu mogħtija l-ġurmanet u l-appuntament ta' Spettur. Dan mhux biss għax matul is-sentejn li ġejjin, l-istudji tagħhom ser ikomplu intensivament ġewwa l-Universita` ta' Malta sakemm jiggradwaw b'diploma fix-xogħol tal-Pulizija.

Dawn l-uffiċjali m'humiex kollha membri li diġa` kienu fil-Korp tal-Pulizija iżda anke persuni li applikaw direttament minn barra taħt kundizzjonijiet u rekwiżiti ta' kwalifiki akkademiċi terzjarji. F'ċerimonja qasira tal-ħatra, il-Kummissarju, b'esperjenza kellem lill-uffiċjali l-ġodda u tahom pariri siewja ħafna għall-karriera ġdida li ġabet magħha din il-promozzjoni. Wara li awgura suċċess u rringrazzja lill-familjari tagħhom għas-sagrifiċċju li huma għamlu, ta' merħba lill-pajżana li applikaw filwaqt li tenna l-kuntentizza tiegħu li l-familja tal-fizzjali issa kibret b'numru sabiħ. Huwa saħaq fuq l-importanza tal-karriera u r-responsabbilta` ta' Spettur.



L-imġieba, li tkun fejn tkun trid tirrifletti li inti Pulizija. Ir-responsabilta' hija akbar minn ta' ħaddieħor li xi kultant twassal biex anki l-familja tbati. L-etika u moralita` huma prinċipji importanti ħafna. Il-fatt li l-Korp issa żied fin-numru ta' uffiċjali, ifisser li ħa jkun ippreparat għal sfidi


GLOCK®
PERFECTION
SPECIAL OFFER ON ALL GLOCKS
TO ALL POLICE OFFICERS
fieldsports
FIREARMS & AMMUNITION
17 Parish Square, Mellieha MLH1070
Tel 21522602, Mob 99458801
email info@fieldsportsmalta.com
www.fieldsportsmalta.com


bajada
NEW ENERGY
Leaders in alternative energy.
AFTER 22 YEARS IN THE SOLAR BUSINESS.. YOU CANNOT GO WRONG.. THE CHOICE IS BAJADA!!
NOVOTHERM
OVER 12,000 RENEWABLE ENERGY SOLUTIONS INSTALLED IN MALTA & GOZO
MONO & POLY crystalline panels available
Benefits
7-years warranty on KACO inverters
25-years linear performance warranty on PV panels
10-years warranty on materials and workmanship
Highest cell efficiency
0 to +5W positive tolerance
KACO new energy.
ET Solar
OTHER PV BRANDS AVAILABLE
Heckert Solar
CanadianSolar
ZGCELLS
100 Litres up to 300 Litres availiable
Stainless steel marine 316L [MARINE S/S] Or
Glassline Double Enamel Boilers
5 years warranty
EN12975, EN12976, Solar Keymark & ISO 9001
Highly efficient panels over 90%
starting from €600*
*Price Net of MRA grant for 100G/L model
THE BEST PRICE PER KW IN MALTA
GUARANTEED
Bajada New Energy 80, Triq il- Kaċċatur, Qormi. Tel: 2182 0360, 2780 7123 E: sales@bajadagroup.com


Late Night
Shopping
THURSDAYS till 9.00pm
at
MF
MFelectrix
it's all about lights
S. Psaila Str. B'Kara, BKR 9078 T 2149 4955 - 56 F 2149 4957
info@mfelectrix.com.mt www.mfelectrix.com.mt

ġodda ta' xogħol. Illum il-ġurnata, it-tibdil fis-soċjeta` isir b'pass veru mgħaġġel u meta tara li l-popolazzjoni qed tikber u l-fatt li aħna pajjiż li fih it-turiżmu ma jonqosx, dan ifisser li kriminalita` u l-vittmi tagħha jiżdiedu wkoll.

Il-Kummissarju semma' kemm huwa ta' importanza li issa l-uffiċjali l-ġodda jżommu ruħhom aġġornati mal-liġijiet, li jimxu mal-parametri tal-liġi u wisq importanti li jżommu saqajhom mal-art. Ser ikun hemm mumenti fejn iridu jieħdu deċiżjoni f'sekondi u bl-iċken żball jafu jweġġgħu. Il-Kummissarju ma naqasx li jsemmi sabiex jieħdu ħsieb il-post fejn ikunu, għassa, skwadra jew uffiċċju. "Ħudu ħsieb lin-nies ta' taħtkom, iggwidawhom u mmotivawhom". Għal bidu ħa jsibuha ftit diffiċli sabiex iżżommu d-dixxiplina u r-responsabbilta` imma maż-żmien in-nies jirringrazzjawk. Wissiehom sabiex qatt ma jiġu għoqda mal-kriminal u sabiex qatt ma jitradixxu lil sħabhom kollegi. Tlett elementi li l-Kummissarju għafas fuqhom kienu l-integrita`, l-onesta` u l-lealta` u żied jgħid li dawn huma importanti li jżommuhom dejjem quddiem għajnejhom. Il-Kummissarju għalaq id-diskors tiegħu billi awgura karriera ta' suċċess lill-uffiċjali l-ġodda.

L-Onorevoli Dr Beppe Fenech Adami LLD, Assistent Parlamentari fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, kien preżenti waqt din iċ-ċerimonja fejn fid-diskors tiegħu qal li ħass unur kbir li kien qed jippresiedi minflok il-Ministru għal din l-okkazjoni. Dr Fenech Adami jemmen li dan huwa kapitlu ġdid għal dawn l-Ispetturi li f'idejhom taqa' r-responsabilita' tal-bon ordni fil-pajjiż. Huma jridu jkunu parti milli jikkontribwixxu sabiex il-Korp b'mod attiv inaqqas il-kriminalita'. Is-soċjeta` trid tħossha rasha mistrieħa li l-forom ġodda ta' kriminalita` li qed jinħolqu, hemm Korp illi jrazzanha u fejn hu possibli jeliminha. Huwa importanti li kull membru tal-Korp iżomm dejjem quddiemu l-ġurament li ħa. Min-naħa l-oħra, il-Gvern jibqa' kommess illi jassigura li l-istess Korp ikollu fi ħdanu r-riżorsi umani kollha li hemm bżonn. Barra minhekk, il-Gvern jibqa' kommess ukoll illi jinvesti fl-aħjar għodda u tagħmir sabiex jassisti l-Pulizija. *"Jiena nemmen li meta tinvesti fin-nies, fit-tagħmir u l-professjonalita' mill-ewwel tara l-frott",* saħaq Dr Fenech Adami.

Qabel temm id-diskors tiegħu l-Onorevoli Fenech Adami f'isem il-Gvern, irringrazzja lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija għall-ħidma kbira li wettqu matul is-sajf. Waqt li l-poplu gawda l-ġranet sħan, il-baħar, il-festi kif ukoll ġranet ta' mistrieħ, il-Korp tal-Pulizija ħadem u stinka sabiex dan l-istaġun, b'diversi attivitajiet, għadda mingħajr inċidenti serji u serħan il-moħħ. Hawnhekk Dr Fenech Adami awgura ħidma sħiħa lill-iSpetturi ġodda tal-Korp. Wara li ħadu l-ħatra, kelli l-opportunita` li nitkellem ftit mal-uffiċjali ġodda li fost diversi kummenti spikkat xi ftit l-anzjeta` li ħakmithom sakemm jibdew ix-xogħol ġdid tagħhom. L-Ispettur Nicholas Vella li ilu fil-Korp disgħa snin ħass sodisfazzjon, l-iktar meta jiftakar li din kienet opportunita` li kien qed jistenniha u meta ġiet l-okkazzjoni, ħadem għaliha u wasal. Filwaqt li qatt mhu ħa jinsa minn fejn bdiet il-karriera tiegħu bħala Kuntistabbli, huwa jinsab fiduċjuż għal sfidi ġodda li konxju li ħa jkunu mpenjattivi iżda lest għal dak li jiġi quddiemu. L-Ispettur Caroline Fabri, li ma setgħax jonqos li nieħu ftit kummenti mingħanda wkoll ħasset emozzjonijiet differenti. Emozzjonijiet fejn kuntentizza u biża' jitħalltu flimkien. L-Ispettur Fabri għandha filfatt għoxrin sena servizz fil-Korp, iżda xorta waħda temmen li fadal x'wieħed jitgħallem u jigwadanja. Hija tittama li ssib għajnuna minn kollegi tagħha u ħerqana li titgħallem dak ix-xogħol li matul is-servizz tagħha fil-Pulizija qatt ma misset miegħu. Xtaqt nieħu wkoll kummenti ta' Spettur li ma kienx fil-Korp qabel, u għalhekk l-Ispettur Sylvana Briffa tatni l-kummenti tagħha. Nixtieq insemmi li l-Ispettur Briffa, li għandha 24 sena, tgħid li l-Pulizija minn dejjem qanqlet fiha ċertu interess tant li meta waslet sabiex tagħżel l-linja tal-istudji tagħha ġewwa l-Universita' ta' Malta, kienet għażlet propju l-Kriminoloġija. Apparti l-interess fix-xogħol li l-Pulizija jiltaqa' miegħu kuljum, l-Ispettur jinkoraġġija wkoll il-fattur tal-karriera. Il-fatt hu, li individwu li jagħżel il-Korp tal-Pulizija jista' jibni l-karriera tiegħu grazzi għal opportunitajiet varji. Punt li naqbel perfettament miegħu li semmiet l-Ispettur huwa l-fatt li x-xogħol huwa wieħed stabbilit. Konxja li sakemm taqbad taf tiltaqa' ma' diffikultajiet iżda persważa li l-għajnuna mhux ħa tonqos. L-Akkademja kienet pass importanti għall-Ispettur Briffa għax servit ħafna sabiex il-grupp integra flimkien u b'hekk setgħet ukoll tibni relazzjonijiet ma' dawk li llum huma l-kollegi tagħha.

Dawn il-ħatriet juru li l-Korp tal-Pulizija qiegħed javvanza mad-dinja moderna fejn qed jagħti opportunitajiet indaqs fl-ugwaljanza tas-sessi kif ukoll qed joffri taħriġ intensiv sabiex dawn l-ispetturi jkollhom aktar tagħlim sabiex permezz tal-kapaċitajiet tagħhom isaħħu l-ġlieda kontra l-kriminalita`. Dan peress illi l-grad tagħhom jitlob li jridu jikkumpilaw investigazzjonijiet, jipprosekwixxu ġewwa l-Qorti u jiggwidaw lis-subalterni tagħhom.

Permezz ta' din iż-żieda, il-Korp irnexxielu jsaħħaħ diversi distretti u lokalitajiet li qabel ma kienx hemm Spettur assenjat fihom kif ukoll l-iskwadri speċjalizzati. Għaldaqstant filwaqt li nirringrazzjaw lil min ħarreġ u qed iħarreġ lil dawn l-Ispetturi, nawgurawlhom kull ġid u diliġenza fil-karriera tagħhom sabiex kulħadd jaħdem f'unjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalita`.

charlene.camilleri@gov.mt

mymoneybox.mfsa.com.mt

SUBSCRIBE TO OUR FREE E-NEWSLETTER

- Compare fees and charges for various services offered by banks and investment firms in Malta.
- Be informed about your rights and obligations when purchasing a financial product or service, such as a bank account, an investment or insurance policy.
- Create a budget, work out your net worth, check how much interest you incur if you take a loan, and calculate the Annual Percentage Rate.
- Get hold of our complaint guidelines if you feel your rights as a financial services consumer have not been respected.

JOIN US ON FACEBOOK
MYMONEYBOX



mymoneybox
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY
Impartial information from the financial regulator. No selling. Just the facts.






FARSONS GROUP
Farsonsdirect
BEVERAGES & MORE

*Terms and conditions apply
Great Value - Easy Parking - Wide Choice
The Brewery, Mdina Road, Mriehel BKR3000, just past the Farsons Brewery
Tel. 2381 4444 • e-mail. info@farsonsdirect.com

# Taħriġ avvanzat għall-uffiċjali tas-S.I.Re.N.E.

## 26 - 30 ta' Settembru 2011, San Ġiljan, Malta

*Għeżież kollegi,*



Mill-1 ta' Mejju 2004, l-acquis ta' Schengen, kif ukoll l-atti msejsa fuqu jew b'xi mod ieħor relatati miegħu, jorbtu lir-Repubblika ta' Malta. F'Diċembru 2007, il-Kunsill tal-Ministri adotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis tax-Schengen. Għaldaqstant, il-kontrolli fil-fruntieri interni tal-art u tal-baħar ta' dawn l-Istati Membri tneħħew f'Diċembru 2007 u dawk fil-fruntieri interni tal-ajru tneħħew f'Marzu 2008.

Kull Stat Membru tax-Schengen waqqaf uffiċċju SIRENE nazzjonali sabiex iservi bħala punt ta' kuntatt waħdieni għall-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet relatati mas-Sistema tal-Informazzjoni tax-Schengen (SIS) taħt il-Konvenzjoni ta' Schengen. F'Malta għandna uffiċċju fi ħdan l-Iskwadra tar-Relazzjonjiet Internazzjonali tal-Pulizija kompletament operattiv 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

L-Artikolu 92(4) tal-Konvenzjoni ta' Schengen jipprovdi li l-Istati Membri, għandhom jiskambjaw, permezz tal-awtoritajiet nominati għal dan il-għan (SIRENE), l-informazzjoni kollha neċessarja li għandha x'taqsam mad-dħul ta' allerti, u sabiex tkun tista' tittieħed l-azzjoni neċessarja fil-każijiet fejn jinstabu persuni u oġġetti li dwarhom tkun iddaħħlet dejta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, bħala riżultat ta' tfittxijiet li jsiru f'din is-Sistema.

Kull Stat huwa marbut illi jiżgura li il-membri tal-istaff tal-uffiċċju SIRENE jkollhom il-ħiliet lingwistiċi li jkopru firxa ta' lingwi wiesgħa kemm jista' jkun u l-membri tal-istaff li jkunu fuq xogħol għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw mal-uffiċċji SIRENE kollha. Huma għandu jkollhom l-għarfien neċessarju dwar:

- aspetti legali nazzjonali u Ewropej;
- l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi nazzjonali tagħhom u
- is-sistemi nazzjonali u Ewropej tal-amministrazzjoni ġudizzjarja u tal-immigrazzjoni.

Huma għandhom jkollhom l-awtorità li jittrattaw kwalunkwe każ li jidħol b'mod indipendenti. Fil-każ ta' talbiet speċjali jew pariri ta' esperti (legali), huma għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu l-assistenza tas-superjuri tagħhom u/jew tal-esperti. Huwa wkoll meħtieġ għarfien espert legali li jkopri każijiet kemm normali kif ukoll eċċezzjonali. Skont il-każijiet, dan l-għarfien espert jista' jiġi pprovdut minn kwalunkwe persunal bl-isfond legali neċessarju jew minn esperti mill-awtoritajiet ġudizzjarji.

Kif jingħad fil-Manwal SIRENE kull Stat huwa wkoll marbut '... li jiżgura illi l-awtoritajiet nazzjonali tar-reklutaġġ responsabbli għandhom iqisu l-ħiliet u l-għarfien kollha li ssemmew iktar 'il fuq meta jirreklutaw staff ġdid u konsegwentement, għandhom jorganizzaw korsijiet jew sessjonijiet ta' taħriġ fi ħdan is-servizz kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell Ewropew. Dan peress illi huwa rikonoxxut li livell għoli ta' esperjenza tal-istaff iwassal għal grupp ta' ħaddiema li jkunu kapaċi jiffunzjonaw fuq l-inizjattiva tagħhom stess, u b'hekk jagħrfu jittrattaw il-każijiet b'mod effiċjenti.'

Għaldaqstant, kull Stat huwa mitlub li jara li l-persunal tas-SIRENE ma jinbidilx wisq, u dan jirrikjedi l-appoġġ inkondizzjonat tal-amministrazzjoni biex tippermetti din ir-responsabbiltà devoluta.

L-Istati Membri rrikonoxxew il-bżonn ta' taħriġ kontinwu sa mill-bidu u taħriġ komuni lill-uffiċjali tal-Uffiċċji Sirene kien qed jingħata kważi taħt kull Presidenza ġdida, jiġifieri darbtejn fis-sena.

Uffiċjali Maltin kellhom l-opportunita li jattendu uħud minn dan it-taħriġ mill-2005. Peress illi l-Istati organizzaturi kienu qed jiltaqgħu ma problemi kemm prattiċi kif ukoll finanzjarji biex jipprovdu dan it-taħriġ, il-Presidenza Ċeka tal-Grupp ta' Xogħol tal-Kunsill SIS/SIRENE avviċinat lill-Kulleġġ tal-Pulizija Ewropew [CEPOL] għall-assistenza.

MEDITERRANEAN
BUILDING FINISHES LTD

***Finishing, Restoring, Preserving, Enhancing Homes & Businesses for over 20 years.***

**PLASTERING • PAINTING • GYPSUM BOARDS**
**SCAFFOLDING SYSTEMS • RESTORATION**
**INSULATION SYSTEMS • FLOOR SCREEDS • TURNKEY**

t: 21374454 m: 99054321 / 99493086 e: info@mbfmalta.com w: www.mbfmalta.com







**BALLUT BLOCKS LTD.**

**Civil Engineering Contractors**
Wied Filep, l/o Naxxar, NXR 6713, Malta
Tel: 2157 3093, 2157 2666 • Fax: 2157 5562
Web: www.ballutblocks.com
Email: ballut@maltanet.net

GPC General Precast Concrete Ltd.

Hal Far Industrial Estate,
Birzebbugia BBG 3000, Malta.
Tel: 2165 3802, 2165 3005
Fax: 2165 9536
Email: info@generalprecastconcrete.com



www.popeyemalta.com
POPEYE VILLAGE
Santa's Toytown
WHAT IS THE SURPRISE FOR
CHRISTMAS
2011
AT POPEYE VILLAGE?
Discover the surprise for this year and enjoy all the activities during the Christmas Period we have in store for you and your family.
Tel.: 2152 4782/3/4
E-mail: info@popeyemalta.com




Eating in Valletta just got better
SI MANGIA™ is an Italian themed eatery offering simple great tasting food with excellent value for money. A range of tasty and nutritious Italian foods such as pizza, pasta, focacce, salads and soups are served in a modern and comfortable atmosphere. SI MANGIA™ offers very convenient fast service times whilst still serving fresh, wholesome food.
Selection of top quality ingredients and fresh local produce is key. Food is made in-house, from our artisanal hand crafted Focaccia alla Genovese to our classic Pesto sauce. Only in this way the wholesomeness of food may be guaranteed.
we are here
WEMBLEY STORES
SOUTH STREET
OLD BAKERY STREET
STRAIT STREET
REPUBLIC STREET
GWU
GO
Find us on facebook:
facebook.com/simangia
Opening Hours:
from Mon to Sat
from 7am to 10pm
SI MANGIA™, South Street Valletta
tel. 2123 7222 email. valletta@simangia.com.mt
www.simangia.com.mt
SI mangia




DOGS ARE EXTRAORDINARY
FEED THEM ACCORDINGLY
FREE Eukanuba Extraordinary Dogs 3 DVD Set with any 12Kg or larger Eukanuba Dog Food
EXTRAORDINARY DOGS
The Complete TV Series In One Box Set
Eukanuba
Adult
Large Breed
Available from Leading Pet & Garden Centres only and until stocks lasts

Il-Kulleġġ aċċetta li jgħin pero għamel diversi suġġerimenti lil Istati Membri tal-Grupp dwar kif għandu jsir dan it-taħriġ. Dawn is-suġġerimenti kienu milqugħin tajjeb ħafna mill-Istati Membri u mill-2009 il-Kulleġġ beda jiffinanzja taħriġ f'livell bażiku u avvanzat għall-operaturi SIRENE. S'issa ġew organizzati għaxar korsijiet bl-għajnuna tal-Kulleġġ fosthom anke Kors speċjali għall-għalliema tas-SIRENE. L-assistenza tal-Kulleġġ issa qed tiġi estiża wkoll f'materji oħra bħall-kumpilazzjoni ta' manwali għall-għalliema kif ukoll skambju ta' persunal.

Malta pparteċipat fi tlieta minn dawn il-korsijiet matul is-snin 2009 – 2010 u din is-sena kellna l-opportunita' illi norganizzaw wieħed mill-korsijiet avvanzati li l-Kulleġġ tal-Pulizija Ewropew għoġbu jawtorizza għal din is-sena.

Il-taħriġ ġie organizzat fil-lukanda Corinthia f'San Ġiljan bejn is-26 u it-30 ta' Settembru 2011. Għal dan it-taħriġ attendew 26 uffiċjali SIRENE minn 21 Stati Membru tax-Schengen fosthom tlett uffiċjali Maltin. It-taħriġ kien immexxi minn żewġ uffiċjali anzjani mill-Uffiċju SIRENE Ġermaniż fi ħdan il-Bundeskriminalmt (BKA), uffiċjal anzjan mill-Uffiċju SIRENE Taljan u ieħor mill-Uffiċju SIRENE Pollakk. It-taħriġ kien presedjut mil-kap tal-Uffiċċju SIRENE Malti.

It-taħriġ tratta problemi li jiltaqgħu magħhom uffiċjali SIRENE fil-proċessar ta' allerti dwar karozzi misruqin jew indebitament approprjati *(misappropriated)* imdaħħla fis-Sistema tal-Informazzjoni tax-Schengen bi skop ta' sekwestru u evidenza. It-taħriġ ikkonċentra speċjalment dwar nuqqasijiet fil-kwalita tad-dejta skambjata, każijiet ta' bejgħ u xiri in *buona fede* u r-rimpatrju jew ir-ritorn tal-vetturi sekwestrati.

It-taħriġ beda nhar is-26 ta' Settembru b'introduzzjoni mill-Kap tal-uffiċju SIRENE Malti u Thomas Meyer mill-Uffiċju SIRENE Ġermaniż kif ukoll introduzzjonijiet personali mill-parteċipanti kollha. Kull partiċipant kellu jintroduċi lill-kollega viċin tiegħu bil-lingwa mitkellma minn dan il-kollega. Kien veru interssanti tisma pronunzji differenti ta' Malti u lingwi Ewropej oħra.

It-taħriġ ingħata l-forma ta' preżentazzjonijiet mill-għalliema, segwiti minn diskussjonijiet fi gruppi żgħar ta' xogħol u kumpilazzjoni ta' folji b'informazzjoni dwar proċeduri komuni u oħrajn speċifiċi għall-Istati Membri. B'kollox ġew ippreparati ħames dokumenti dwar dan il-materji:

1. Użu tal-formoli SIRENE;
2. Tneħħija ta' allerti in-ġenerali;
3. Skambju ta' informazzjoni dwar każijiet ta' xiri in *buona fede;*



4. Tneħħija ta' allerti f'każ ta' xiri in *buona fede;*
5. Sekwestru u preservazzjoni ta' vetturi senjalati;

Dawn id-dokumenti jiġu mgħoddija lill-kapijiet tal-Uffiċji SIRENE bi skop ta' reviżjoni u mbagħad jiġu mibgħuta lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill SIS/SIRENE għall-approvazzjoni. Wara dan, dawn id-dokumenti jintbgħatu lill-Kulleġġ tal-Pulizija Ewropew u jitqiegħdu fil-pjattaforma maħluqa speċifikament għall-Uffiċċji SIRENE fuq il-Websajt tal-Kulleġġ – www.cepol.europa.eu .

Bħala parti mill-programm, nhar id-29 ta' Settembru 2011 ġiet ukoll organizzata attivita soċjali ġewwa l-Birgu. Din kienet tikkonsisti fi żjara ġewwa il-Mużew tal-Inkwiżitur segwita minn dawra gwidata madwar il-Birgu u intemmet b'ikla f'ristorant fl-istess lokal.

It-taħriġ intemm nhar it-30 ta' Settembru b'ċerimonja ta' l-għeluq li kienet tinkludi t-tqassim ta' ċertifikati u oġġetti ta' tifkira lill-parteċipanti kollha kif ukoll ta' ittri ta' rikonoxximent lill-għalliema mis-Supretendent Sandro Zarb f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija.

Is-sur Thomas Meyer (Deputat Kap tal-Uffiċċju SIRENE fil-Ġermanja), li kien l-għalliem prinċipali u li huwa l-Koordinatur tal-Kumitat għat-Taħriġ fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill SIS/SIRENE faħħar kemm lill-organizzaturi u lill-parteċipanti kif ukoll irringrazzja lill-Awtoritajiet Maltin li għoġobhom jorgannizaw dan it-taħriġ.

Mill-formoli ta' valutazzjoni li imlew il-parteċipanti u l-għalliema jidher illi l-programm preparat mill-organizzaturi u l-għalliema ntlaqgħu tajjeb ħafna u dan jawgura tajjeb għall-quddiem.

Dr. Mario Cuschieri - Spettur
mario.cuschieri@gov.mt


Gifts Galore, Original Selection
of ladies & men`s gifts
Join us on
Facebook
Granny Smith Shop Malta
GRANNY
SMITH
Granny Smith Shop
St. Paul's Street, Naxxar NXR 4016
Tel: 2141 8984 Mob: 7949 8174
Email: info@grannysmithshop.com
Website: www.grannysmithshop.com




VICTOR AZZOPARDI
Jewellers Est.1898
NEW FLAGSHIP OUTLET
NOW OPEN AT
178, MARINA STREET, PIETÀ
ST ANNE STREET, FLORIANA
HILTON MALTA PORTOMASO, ST. JULIANS
TEL: 2010 3715, 2010 2949
www.victorazzopardi.com




jolly.
Lifestyle
Jolly Lifestyle Mdina Road Zebbug
Tel: 2146 6154

# Kors mal-N.C.I.S. Amerikan

Spettur Stephen Mallia - Akkademja tal-Pulizija

Matul ix-xahar ta' Settembru 2011, kellna fostna żewġ *instructors* mill-N.C.I.S. *(Naval Criminal Investigative Service)* Amerikani li taw taħriġ lil diversi membri tal-Korp tal-Pulizija flimkien ma' membri mill-*RDT* tat-Taqsima Marittima tal-Forzi Armati.

Dan it-taħriġ li sar ġewwa l-kumpless tal-SAG f'Ta' Kandja kien maqsum f'żewġ partijiet; wieħed fuq *Law Enforcement Techniques* u l-ieħor fuq *Port Security*.

Ta' min isemmi li għal dan it-taħriġ attendew kemm *instrutors* mill-Akkademja tal-Pulizija kif ukoll membri minn taqsimiet oħra tal-Korp, fosthom diversi fizzjali ġodda.

It–taħriġ fl-ewwel parti tal-kors kien jinkludi diversi tekniki li uffiċjal jista' japplika f'każ ta' difiża personali jew biex jarresta persuna.

Ingħatajna l-eżerċizzju tal-*Pepper Spray* fejn kull parteċipant kien espost għal dan l-effett fil-wiċċ u wara kien jeħtieġ isegwi sensiela ta' ostakli li fihom ried jagħmel użu kemm mill-idejn u anke bl-użu tal-lembuba sakemm fl-aħħar jiġi ffaċjat minn wieħed mill-*instructors* li kien liebes l-ilbies protettiv magħruf bħala *Red Man*.

Ta' min jgħid li dan it-tip ta' taħriġ fl-użu tal-*Pepper Spray* u l-effett imġarrab minnu, illum sar parti integrali mill-eżerċizzji waqt it-taħriġ li jingħataw il-membri li jidħlu fl-Akkademja għar-reklutaġġ. Irrid ngħid ukoll li matul ix-xahar ta' Ottubru 2011, il-fizzjali ġodda li attendew għat-taħriġ ġewwa l-Akkademja għaddew minn dan it-tip ta' eżerċizzju qabel dawn ġew imqassma fid-distretti u l-branki rispettivi fil-kariga ġdida tagħhom ta' Spetturi.

It-taħriġ fl-użu u effetti tal-*Pepper Spray* huwa importanti sabiex jekk il-membru tal-Pulizija ġarrab hu stess l-effett ta' dan l-apparat mill-aggressur, ma jippanikjax u jibqa' kkonċentrat, anke jekk għal xi ħin ma jirnexxilux iżomm l-għajnejn miftuħin u jkun qed iħoss ħruq qawwi f'wiċċu.

Fost taħriġ ieħor li ngħata mill-N.C.I.S. kien hemm dak ta' difiża personali magħruf bħala *Mechanical Advanced Control Holds* (M.A.C.H.s) li wkoll huma parti ntegrali mit-taħriġ tal-*unarmed combat* fl-Akkademja tal-Pulizija.

Dan it-taħriġ żgur li ser ikun utli sabiex l-esperjenzi miksuba jingħaddu lil membri l-oħra tal-Korp li jattendu regolarment fl-Akkademja għat-taħriġ.





It-tieni parti tal-kors tal-N.C.I.S. li għalih kien hemm ukoll preżenti żewġ membri mid-Dwana Maltija, kien jikkonsisti fi strateġiji ta' sigurta fuq il-baħar u fil-portijiet. Dan japplika ħafna fil-każ ta' pajjiżna peress li aħna mdawrin bil-baħar u għandna portijiet impenjattivi ħafna.

Ma setax jonqos li tali taħriġ ma jinvolvix ukoll ir-riskji u prevenzjoni minn xi attakk terroristiku.


Gauci
AUTOMOBILES
Gauci
AUTOMOBILES
88, Msida Valley Road, Birkirkara
T - 21 444 777 • F - 21 482 323
sales@gauciautomobiles.com
www.gauciautomobiles.com


Valley Road Msida
ES AUTOMOTIVE
LIMITED
THREE YEARS
3
GUARANTEE
10% Discount
On presenntation of this voucher
On all products Purchased at ES Automotive
High Quality Batteries DYNAC, BMG, Atlas and
Varta With up to 3 year guarantee
Prices Starting at JUST
TEL- 21493792
MOB- 99444645
40€
DYNAC
ES AUTOMOTIVE


If your car insurance is up for renewal,
we have the best deal for you.
Call us now on 2205 8000
SPECIAL BENEFITS FOR MEMBERS OF THE POLICE FORCE
A multitude of discounts
Discounts on multi vehicle, restricted drivers, other classes of insurance...
Replacement car option
Best on the market
No claims discount up to 70%
Unique feature
Extended NCD Protection
at any level
Unique feature
FREE roadside assistance
for ALL private cars and motorcycles
Thomas Smith Insurance Agency Ltd.
12, St. Christopher Street, Valletta VLT1468. Tel: (+356) 2205 8000
Fax: (+356) 2205 8399 Email: insurance@tcsmith.com Web: www.tcsmith.com
Thomas Smith Insurance Agency Limited is authorised to act as an Insurance Agent of GasanMamo Insurance Limited and is regulated by the Malta Financial Services Authority.



M'hemmx dubju li t-taħriġ kollu li ngħatajna ser iservi biex inżommu ruħna aġġornati fil-qasam tat-taħriġ Pulizjesk skond il-ħtiġijiet u livelli moderni bl-għan ewlieni li dak li tgħallimna ngħadduh lill-kollegi tagħna. Wieħed jawgura li korsijiet simili jibqgħu isiru għall-benefiċċju tas-sigurta f'pajjiżna.

stephen.mallia@gov.mt

# Taħriġ Speċjalizzat fis-Cyber Crime

Spettur Timothy Zammit – Cyber Crime Unit




L-investigazzjonijiet dwar reati kriminali li jsiru permezz tal-*internet* jew it-teknoloġija qegħdin, kull ma jmur, isiru iktar sofistikati u kumplessi. Għaldaqstant, huwa importanti li l-Pulizija li jagħmlu dan ix-xogħol speċjalizzat jkunu kontinwament mħarrġa sabiex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom b'mod professjonali u mill-aktar effettiv. Mingħajr dan it-taħriġ, l-ebda Korp tal-Pulizija ma jkun f'pożizzjoni li jinvestiga reati li jinvolvu t-teknoloġija.

F'dawn l-aħħar snin, permezz ta' numru ta' proġetti li saru bi sħab ma' diversi aġenziji tal-infurzar tal-liġi barranin u istituzzjonijiet edukattivi, membri tas-*Cyber Crime Unit* tal-Korp tal-Pulizija gawdew min-numru ta' korsijiet ta' taħriġ. Dawn il-korsijiet varjaw minn taħriġ bażiku dwar *Computer Forensics* għal korsijiet iktar speċjalizzati dwar investigazzjonijiet fuq *networks, wireless connections* u analiżi ta' evidenza diġitali li tkun ġiet elevata waqt investigazzjoni. Il-proġetti, finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, li permezz tagħhom membri tas-*Cyber Crime Unit* rċevew dan it-taħriġ kienu l-Proġett 'Falcone', il-Proġett 'AGIS' u l-Proġett 'ISEC'.

Bejn is-sena 2009 u s-sena 2011, 28 membru ta' aġenziji tal-infurzar tal-liġi ġejjin minn sittax-il pajjiż differenti segwew kors intensiv li wassal għall-*"Masters (MSc) in Forensic Computing and Cyber Crime Investigations"*. Iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni saret nhar is-6 ta' Settembu 2011 fil-*University College Dublin* (Irlanda). Fost il-gradwati kien hemm PC 1490 Joseph Muscat li kien ġie nominat biex isegwi dan il-kors mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta. F'diskors tal-okkażżjoni li għamel quddiem il-parteċipanti l-oħra ta' dan il-kors waqt iċ-ċerimonja ta' gradwazzjoni, PC 1490 Joseph Muscat irringrazzja lill-organizzaturi tal-kors kif ukoll lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta li tawh l-opportunita` li jsegwi dan il-kors li għenu sabiex jtejjeb il-kapaċitajiet tekniċi tiegħu kif ukoll jikber bħala persuna.

timothy.zammit@gov.mt


YOUNG GENERATION
Y G
Enjoy Life.
Trade Enquiries
Tel: 2144 6967, 2149 3124 Mob: 9949 5366
Email: cousins@maltanet.net
Cousins
Trading Limited
Importers & Distributors


playmobil
FunPark
Come and see where smiles are made and celebrate PLAY!
Bring your kids and participate in the fun and while you are here, have a healthy lunch at our Playmobil Cafetéria.
ONE FREE ENTRANCE on presentation of this advert.
Valid till end of 2010
Playmobil Funpark, HF80, Industrial Estate, Hal Far
T: 2224 2445 E: funpark@playmobilmalta.com Oct-June: Mon-Sun 10.00hrs - 18.00hrs
BY BUS: ROUTE NO.13 FROM VALLETTA
BY CAR: PROCEED TO THE AIRPORT THEN FOLLOW THE SIGNPOSTS
playmobil.com
Free WiFi access at the Playmobil Funpark


CHRISTMAS SHOP
IS NOW OPEN
ALL DAY
INCLUDING SUNDAYS
IL-GRONFLA
PANTAR ROAD, MOSTA
(within Francesco Fenech premises)
MAIN STREET, BALZAN
TIGNE POINT, SLIEMA
ZABBAR ROAD, PAOLA
T. 21 442600
info@gronfla.com
www.gronfla.com

# Żjara minn delegazzjoni tal-Pulizija Ċiniża

AC Andrew Seychell – Special Branch

Bejn id-9 u l-11 ta' Settembru ta' din is-sena, delegazzjoni ta' uffiċjali għolja mit-*Tianjin Municipal Public Security Bureau,* fiċ-Ċina, għamlet żjara uffiċjali fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ġewwa l-Furjana. L-iskop ta' din iż-żjara kien biex ikomplu t-taħdidiet li kienu diġa` nbdew is-sena li għaddiet, fuq koperazzjoni bejn is-servizzi tal-Pulizija lokali u dawk f'din il-muniċipalita` Ċiniża fejn jgħixu 'il fuq minn 4.3 miljun abitant.



Mal-wasla tad-delegati, li kienu jikkonsistu mill-Kap tal-Kulleġġ tas-Sigurta` Pubblika u l-Pulizija ta' Tianjin, id-Direttur tal-Kultura u tad-Diviżjoni tas-Sigurta`, id-Deputat Kap tal-Pulizija Kriminali ta' Tianjin, kif ukoll żewġ uffiċjali minn żewġ distretti minn din il-muniċipalita`, dawn għamlu żjara ta' kortesija lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Intern u uffiċjali oħra fl-istess Ministeru. Wara dawn ġew il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.



Fil-Kwartieri Ġenerali, id-delegazzjoni ġiet milqugħha mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo. Preżenti kien hemm ukoll id-Deputat Kummissarju kif ukoll l-Assistenti Kummissarji nkarigati mill-*iSpecial Branch,* is-CID, l-*Economic Crimes Unit* u l-*EU Affairs* kif ukoll is-Suprentendent Mario Spiteri.

Matul din iż-żjara, saru laqgħat fit-tul bejn id-delegazzjoni Ċiniża u dik Maltija u ġew trattati diversi materji tal-Pulizija li huma relatati max-xogħol tagħna. Saru wkoll diskussjonijiet oħra li matulhom ġew diskussi suġġetti partikolari kif ukoll sar bdil ta' esperjenzi li jirrigwarda t-taħriġ tal-Pulizija u diskussjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-kriminalita` u koperazzjoni f'dawn l-oqsma bejn iż-żewġ pajjiżi.



Hu maħsub illi wara dawn it-taħdidiet, isiru kuntatti oħra u wara stedina mill-Kummissarju, id-delegazzjoni Ċiniża ser tistudja l-possibilita` li fil-futur uffiċjali Ċiniżi jiġu Malta fejn barra milli jtejbu l-ħila tagħhom fil-lingwa Ingliża, jingħataw ukoll taħriġ f'xi materja tal-Pulizija mis-sezzjonijiet lokali.

Id-delegazzjoni anke kellha l-opportunita` li żżur il-Mużew tal-Pulizija fejn ingħatat informazzjoni fuq l-istorja tal-Korp tal-Pulizija minn meta dan ġie mwaqqaf.

Hu maħsub illi anke bl-involviment u l-assistenza tal-Ambaxxata Ċiniża f'Malta, dawn il-kuntatti, taħdidiet fuq koperazzjoni u possibilment assistenza teknika jkomplu 'il quddiem.

andrew.seychell@gov.mt

WÜRTH

**Würth Ltd.**
Würth House • Triq il-Masgar • Qormi QRM 3217

T 21 494604, 21 443035 • F 21 441081
sales@wuerth.com.mt • www.wuerth.com.mt

AS SAFE AS HOUSES?

G4S

INTRUDER ALARM SYSTEMS
REMOTE ALARM MONITORING
CCTV CAMERAS
FIRE ALARM SYSTEMS

Securing Your World

**Security Services**
*24hr Control Centre*
*Response Service On Activation*
*Manned Security*
*Archiving Services*
*Cash & Valuable Transportation*
*Patrol Service*

***Contact us for a free quote Tel: 2549 4444***
*enquiries@mt.g4s.com*

Safe, Reliable and Express Service

EXPRESS MULTI VEHICLE TRANSPORTER

Express Trailers offers high quality and reliable auto transport service from UK to Malta with less than four days transit times.



www.expressgroup.com.mt

ROAD SEA AIR

Total Logistic Solutions

Emmanuel Vella & Sons | EXPRESS TRAILERS | EXPRESS FREIGHTS | Eyre

Velbro House, Qormi Road, Luqa LQA 9040, Malta 00356 2124 2311 info@expressgroup.com.mt

# Pulizija ta' Malta – Sezzjoni Sport

Qabel xejn, nixtieq nieħu din l-opportunita' sabiex nintroduċi lili nnifsi u lill-kollegi tiegħi li jiffurmaw parti mill-Kumitat Sportiv tal-Pulizija ta' Malta l-ġdid (MPSC)

L-uffiċjali li ġew appuntati fil-MPSC huma:

- Spettur Raymond Aquilina (President)
- PS494 Gordon Borg (Segretarju)
- SM Audrey Cassar (Teżorier)
- PS1480 Sandro Mallia (PRO)
- PS46 Charlot Casha (Membru)
- PC1250 Paul Saliba (Membru)
- PC121 Joseph Vassallo (Membru)
- PS891 Oscar Baldacchino (Nominat mill-MPA]

Kulħadd huwa konxju tal-problemi tal-passat kif ukoll eżistenti fil-Korp li jġegħluna milli nilħqu l-għanijiet tagħna, imma xejn m'hu ser iżommna milli nibqgħu nippruvaw naħdmu aktar. Dan ma jistax isir mingħajr l-għajnuna u l-bżonn tal-parteċipazzjoni tagħkom, u aktar u aktar ir-rieda qawwija min-naħa ta' kull membru, biex b'hekk ikollna suċċessi kbar. Jekk kulħadd jagħmel ħiltu, jiena ċert li b'sodisfazzjon nilħqu riżultati pożittivi.

Nafu li għad hemm xi affarijiet pendenti u għal din ir-raġuni din ħa tkun l-ewwel prijorita` għal dan il-kumitat fil-ġimgħat li ġejjien. Bħala Segretarju tal-MPSC u f'isem sħabi tal-kumitat il-ġdid nixtiequ nirringrazzjaw lill-membri preċedenti li żgur għamlu l-almu tagħhom sabiex jippromovu u jorganizzaw attivitajiet sportivi.

Bħal ma tafu ftit xhur ilu, PC376 Andrew Grech irrappreżenta lill-Pulizija ta' Malta kif ukoll lil Malta bħala nazzjon fil-*Law Enforcement Torch Run* kif ukoll fl-*Special Olympic Games* li saru ġewwa Ateni. Kif spjega tajjeb Andrew, din kienet esperjenza fenomenali għalih, u l-kuraġġ u l-ispirtu li urew l-atleti bi bżonnijiet speċjali huwa inkredibbli. U għallhekk inħoss li għandi nitkellem u nispjegalkom x'inhu l-*Law Enforcement Torch Run* u l-assoċjazzjoni tiegħu mal-*"iSpecial Olympics"*. Peress dan l-artiklu ħa jintbgħat u jinqara minn diversi persuni barranin ħa jiġi miktub bil-lingwa Ingliża għal benefiċċju tagħhom.

**What are Special Olympics?**

Special Olympics are a global organisation that serves more than 3.4 million athletes with intellectual disabilities working with hundreds of thousands of volunteers and coaches each year. Since the establishment of Special Olympics in 1968, the number of people with and without intellectual disabilities who are involved with the organisation has been growing, but the unmet need to reach more people with intellectual disabilities is staggering, (Special Olympics Malta online).

Hundreds of thousands of coaches, educators and volunteers worldwide offer their time to train athletes, organise those competitions and plan such events. Seeing the seriousness and sense of purpose evident in each Special Olympics athletic event, a window of understanding opens. Being a non-profit organisation SO Malta is made up of volunteers, both on a full and part-time basis, and with the assistance of private entities and government agencies such as the 'Kunsill Malti għall-Isport' (KMS) offer facilities to these athletes to train and to participate in games.

**Special Olympics Malta**

The Special Olympics mission statement reads:

'Promoting respect, acceptance, inclusion and human dignity for people with intellectual disabilities through sport'
www.specialolympicsee.eu

Special Olympics Malta

In the year 2000 a retired Maltese emigrant who had returned to Malta together with Ms. Anna Calleja started the organization in Malta. Anna, an ex-athlete, a qualified coach and a graduate in sport education for the disabled, trained a number of youths with learning disabilities in athletics. As time passed, more coaches offered their services and other sports were being practiced. In 2006 Special Olympics Malta (SOM) experienced a change in leadership, now Anna Calleja was nominated National Director for Special Olympic Malta and together with a committee worked toward obtaining accreditation from the International body of Special Olympics, an achievement accomplished by the end of the year 2006.



To date Special Olympics Malta Athletes have participated in several international events and are proud of being the most successful sport organisation Malta has produced. Since the year 2000 Special Olympics


Melita
GARDENS
10% DISCOUNT
upon presentation of this advert
Terms and conditions apply
tel: 21 470 663 • deliveries: 21 472 472
info@melitagardens.com.mt
www.avantgardecaterers.com


exotique
Sliema. T: 2133 1775 | Baystreet. Tel: 2372 1600
Energy Complex, Valletta. T: 2124 1349
Arkadia, Victoria, Gozo. Tel: 2210 3329
Do it in style this Xmas!
Spend €150 at exotique
& we will drive you back home
for FREE with dial-a-cab 23456789
Terms & conditions apply.
With any purchase you will be entitled
to a €3 voucher from dial-a-cab.
We have the best prices around!
View our range of products
& benefit from our great Christmas offers!
www.exotique.com.mt


Splash & Fun Water Park
Malta
Winter Wonderland
this Christmas
at Splash & Fun Park
Bahar ic-Caghaq
Circo Viviana Orfei
2 HOUR SHOW
12/11/2011 TILL 13/12/2011
melita
Coca-Cola
Amusement Park
Santa's Grotto
Christmas Carols
Animation & Shows
Games & Pony Rides
Xmas Live Experience
GROUP BOOKINGS
Group Bookings are available for groups of 20 or more.
For more info please contact 2137 4283 or 7937 4283
The Magic of Winter Wonderland at Splash and Fun Park can be enjoyed by everyone. Entrance is absolutely FREE and there is no charge at all to visit Santa Claus!

Malta athletes won over 300 bronze, silver and gold medals.

Currently Special Olympics Malta offers its services, free of charge, to over 400 athletes who receive professional year-round training in six different sport disciplines, namely, Athletics, Aquatics, Football, Bowling, Bocce and Gymnastics. In 2010 SOM also started training two athletes to participate in the international triathlon competitions and in 2011 they are planning to start offering Kayaking training to a number of new athletes.

SOM have one part-time employee administering the operation and logistics, the rest of our executive board, organisational committee, coaches and helpers are all voluntary workers who with great dedication and pride give up their precious time to give their athletes the opportunity to excel.

Special Olympics Malta depends solely on the support of various organisations who offer their support in the form of grants, sponsorships and gifts in kind. Apart from offering the year-round training, SOM also offers the opportunity to travel to international sports event organised by Special Olympics around the world.

**The Law Enforcement Torch Run**

The Law Enforcement Torch Run (LETR) campaign to benefit Special Olympics began in 1981 in Wichita, Kansas (USA) and is the largest grass-root fundraising movement for the Special Olympics.

The LETR is run by Police Officers and other Law Enforcement Officers (LEO's) such as Prison Authorities, Fire Fighters, Armed Forces etc. from around the world. Currently, approximately 90,000 police professionals in over 35 countries participate in this worldwide effort to raise money and awareness for Special Olympics, (Wikipedia online).



The LETR consists of scheduled relay events, usually held in conjunction and coordination with Special Olympics functions. While carrying the 'Flame of Hope' officers and athletes are referred to as the 'Guardians of the Flame'. In a broader sense, the LETR is used to define all of the special events, and fundraising activities that Law Enforcement conducts to contribute to this campaign.

Every two years, the Special Olympics World or European Games are held. This brings about a special torch run called the 'Final Leg Run'. During a final leg run, Law Enforcement Officers together with Special Olympic athletes run the Flame of Hope together throughout the host country for the games, spreading awareness for Special Olympics. This culminates with the lighting of the cauldron for the flame of hope at the opening ceremony of such games.

Every year, members of the LETR converge at the International LETR conference to exchange ideas and network about Special Olympics awareness and fundraising techniques. Participants in the LETR help spread the word about the benefits of Special Olympics and how the programme helps define the brave participants of these programmes as athletes, and not define them by their disabilities.

**Malta's LETR – Malta 2nd May 2011**

On the 2nd May 2011, a Law Enforcement Torch Run for Special Olympics was organised in conjunction and coordination with the Special Olympics Malta (SOM). The Flame of Hope started from Msida to St Julians in a 7km relay run, whereby Police Officers accompanied Special Olympic athletes in preparation for the 2011 Special Olympics Summer World Games in Athens.

The relay consisted of 4 legs, departing from Msida Seafront (opposite parish church) to Black Pearl; the second part from Ta' Xbiex Seafront to Manoel Island Bridge; the third part from Gzira Seafront to the Fortizza Sliema seafront and the final part to the Love Monument in St. Julians, whereby at each checkpoint two police officers together with an SOM athlete exchanged and carried the 'The Flame of Hope.

Despite the bad weather, there was a positive turnout by police officers and recruits. The last leg of the race the 'Flame of Hope' was carried by PC376 Andrew Grech who had travelled to Greece on the 7th of June 2011 to run in the final leg of the World Law Enforcement Torch Run, which ended at the opening ceremony of the Games on the 25th of June.

Both the writer and Special Olympics Malta hope to increase the number of officers participating in such runs. In doing so, Police Officers portray a good image and in the process send out a positive message to the community. Furthermore, I invite all officers who would like to know more about Special Olympics Malta to visit their Facebook page Specialolympicsmalta or else the website www.specialolympicsee.eu. Further information may also be obtained from the MPSC.

In the next issue of 'il-Pulizija' I will discuss the 'Legacy & Development' Conference which was held in Malta, and the experience of two dedicated Special Olympics Athletes namely James Stivala and Sarah Caruana, until then ......Stay Safe!!

PS 494 Gordon Borg
Secretary, MPSC
mpsc.police@gov.mt

# Korsijiet tal-E.C.D.L. ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija

Spettur Stephen Mallia – Akkademja tal-Pulizija

Matul is-sena 2011 saru tliet korsijiet oħra tal-*European Computer Driving Licence* (ECDL) għall-membri tal-Korp tal-Pulizija mtella' mill-ETC b'kollaborazzjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija li kienu ffinanzjati mill-*European Social Fund* tal-Unjoni Ewropea. Aktar korsijiet tal-ECDL mistennija jitkomplew fix-xhur li ġejjin.

Il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati lil dsatax-il membru tal-Korp li din is-sena temmew il-kors fis-seba' *modules* tal-ECDL, saret nhar it-12 ta' Ottubru 2011 ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija f'Sant Iermu.

Il-membri li ġew ippreżentati biċ-ċertifikat tal-ECDL huma:-

SM222, PS823, PS967, PS860, PS20, PS1268, PS1593, WPS84, WPC94, WPC252, WPC72, WPC308, PC7, PS700, PC855, PC631, PC1199, PC1337, PC341.

Minbarra l-membri msemmija hawn fuq, attendew ukoll għal din iċ-ċerimonja, il-Kmandant tal-Akkademja, is-Sur Ronald Kelly, l-Ispettur Stephen Mallia, il-Ko-ordinatur tal-Kors (ETC), is-Sur David Borda u l-*lecturer* (ETC), is-Sur Matthew Debono.

Filwaqt li nifraħ lill-parteċipanti li segwew l-imsemmi kors, tas-sagrifiċċju li għamlu kif ukoll is-suċċess li kisbu, nixtieq ukoll infaħħar l-inizzjattiva li qed tittieħed mill-amministrazzjoni tal-Korp u mill-ETC sabiex jingħata dan it-taħriġ lill-membri tagħna.

Wieħed jawgura li korsijiet bħal dawn jibqgħu jsiru biex jitjieb il-livell akkademiku tal-membri tal-Korp.

stephen.mallia@gov.mt




Reflecting the best of British




AUTO GLYM

The reflections in this new Bentley Continental GT represent the very best of British car care products. Only Autoglym provides the necessary depth of shine to make this possible. For over 40 years Autoglym has manufactured the most advanced and effective car care products from our home in Letchworth, England. It is produced by a team of dedicated experts for people who know that only Autoglym can deliver the enduring quality they demand.

Autoglym does not stop with just providing the final shine, it will also care and revitalise the whole vehicle inside and out.

In the case of this Bentley, from the hand crafted soft-touch leather to the matched wood veneer, there are Autoglym products specifically designed to maintain the stunning vehicle in showroom condition.

With Autoglym you can enjoy your own supercar shine, for more information visit www.autoglym.com

GARMIN




nüvi40 €150
Incl VAT

Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS

4, Msida Road, Gzira
Tel: 2133 5521 • Mob: 7947 7728
admin@medcomms.com.mt
www.medcomms.com.mt

www.peugeot.com.mt




park with ease

Combined fuel consumption (l/100 km): from 4,1 to 4,6. $CO_2$ emissions (g/km): from 103 to 106.

107. TRULY URBAN.

PEUGEOT 107

PEUGEOT
MOTION & EMOTION

Michael Attard Ltd. - National Road, Blata l-Bajda - T: 2123 8854 - M: 79 406 607 - E: sales@michaelattard.com


TILES & BATHROOM CENTRE
435, St. Joseph High Road,
St. Venera, SVR1013, Malta.
tel: 21440202 | 21449641
fax: 21482849
email: sales@carinibathrooms.com
www.carinibathrooms.com
carini
STORES LTD.


SMART LIGHT
systems co.ltd
TURN ON THE LIGHT
SWITCH TO SMARTLIGHT
90X40mm Rectangular Spot
Consumption 1.5 Watts
83mm Spot
Consumption 3.5 Watts
Contact us on info@smartlightsystems.com to set up a free consultation and ideas session to discuss your lighting requirements and start enjoying great savings today.
Showroom:
Xtreme, 430 Fleur de Lys, B'kara.
T: (356) 2144 3229 M: (356) 7900 7152
Visit www.smartlightsystems.com or call us today.


orienta
we've got it all!
OPEN
ALL DAY
EVERY DAY
AT
TA' QALI
FURNITURE • KITCHENS • LIVING • DINING
BEDROOMS • SOFAS • CURTAINS
Ta' Qali - Next to the New American Embassy • Tel: 21419872, 21445733 • www.orienta.com.mt

# Il-Precision Drill Team fil-Malta Military Tattoo 2011

Spettur Stephen Mallia - Kmandant tal-Precision Drill Team



Għat-tmien sena konsekuttiva, il-*Precision Drill Team* tal-Korp tal-Pulizija pparteċipa flimkien mal-Banda tal-Korp fil-*Malta Military Tattoo* ġewwa l-MFCC f'Ta' Qali. Din is-sena kellna wkoll il-parteċipazzjoni tal-membri tal-SAG u tas-Sezzjoni tat-Traffiku li akkumpanjaw lill-Banda waqt partijiet mill-esibizzjoni tagħha.

Bħas-soltu waqt dan l-avveniment annwali l-attendenza kienet waħda numeruża ħafna u minbarra baned u parteċipanti lokali ħadu sehem ukoll dawk barranin. Waqt l-esibizzjonijiet ta' din is-sena, il-*Precision Drill Team* introduċa, xejn inqas minn sitt membri ġodda li ma kinux jiffurmaw parti mit-*Team* fl-edizzjoni preċedenti tat-Tattoo. Barra minhekk, fl-esibizzjonijiet ġew introdotti xi formazzjonijiet u manuvri ġodda sabiex id-dħul fl-arena tal-esibizzjoni jkun wieħed differenti mis-soltu. Sar ukoll tibdil fis-*solo display* fejn din id-darba l-azzarin *Lee Enfield* li jiżen madwar 4.5kg u bil-bajunetta ntefa' fl-arja minn membru għall-ieħor f'distanza konsiderevoli. Dan kollu sar biex iżid l-eċitament fost l-udjenza u jagħti dik ix-xi ħaġa aktar fil-wirja tagħna.

Naturalment tali tibdil mhux daqshekk faċli li jsir fiż-żmien limitat li jkollhom il-membri tat-*Team* għad-disposizzjoni tagħhom u dan peress li dan m'huwiex xogħolhom il-ħin kollu, anzi huma ftit l-okkazzjonijet li jiltaqgħu għat-taħriġ qabel xi esibizzjoni. Dan jindika biċ-ċar id-dedikazzjoni u mpenn li għandhom dawn il-membri li fil-maġġoranza tagħhom għadhom żgħażagħ u jawgura tajjeb għall-futur tat-*Team*.



Naħseb li kulħadd jaqbel li jekk grupp ma jinvestix f'uċuħ ġodda u aktar żgħażagħ, ikun qed jirriskja li jasal f'punt fejn il-motivazzjoni tonqos u saħansitra l-funzjoni tal-grupp tista' anke tispiċċa fix-xejn. Nassigurakom li mhux faċli li trawwem persuna ġdida f'dawn it-tip ta' esibizzjonijiet fejn il-kuraġġ u l-konċentrazzjoni huma elementi importanti.

Għalhekk, filwaqt li nifraħ kemm lill-membri ġodda u anke lill-oħrajn stabbiliti tal-wirjiet tajbin li taw waqt il-*Military Tattoo* u talli għal darb'oħra tawni l-unur li mmexxihom, nawguralhom aktar suċċessi fil-futur.

Xtaqt nieħu l-opportunita` biex nifraħ ukoll lill-kollegi tagħna tal-Banda tal-Korp li wkoll għamlu ġieħ bl-esibizzjoni tagħhom, partikolarment lill-kollega tiegħi l-Ispettur Sandro Camilleri li dderiġa l-banda waqt it-*Tattoo* għall-ewwel darba.

stephen.mallia@gov.mt


Apollo
Super Premium
Quality
Complementary
Pet Food for Dogs
Apollo
Happie-Duo
Apollo
Kleine Happen
NIBBLES WITH BEEF
Apollo
5 TWISTED
STICKS
BEEF, LAMB & CHICKEN
Nibbles with Beef
Chewing strips with Beef & Liver
Twisted Sticks with Beef, Lamb & Chicken
Collect packet and exchange for gifts at:
CD Gift Scheme Centre, Vincenti Buildings,
15/2 Strait Street, Valletta.
Tel: 2123 6629, Tel: 2146 0375
CD
GIFT SCHEME
A BETTER WAY TO SAVE


THERE'S A PURE ONE FOR EVERYONE.
DISCOVER THE WONDERFUL WORLD OF DIGITAL RADIO
WITH THE PURE ONE ELITE & PURE ONE MINI.
ONE elite
PURE
ONE mini
50 DIGITAL RADIO CHANNELS AVAILABLE SOON
AVAILABLE FROM
Top Choice
Mosta Electronic Centre
edlens
telestarr
astral
Forestals
visit www.dab.com.mt for more info
DigiBNETWORK


AUTUMN FEST
AT
PISCOPO
gardens
"like" us on
Facebook
facebook.com/PiscopoGardens
COME VISIT US
FOR ALL YOUR GARDENING NEEDS AND MORE
Pet Food • Pet Accessories • Plants • Fresh Water Fish
BBQs • Garden Furniture • Plant Care
Piscopo Gardens • Burmarrad • Qormi • Tel: +356 2158 3755 • Tel: +356 21 583 013 • piscopogardens.com

# ...il-ħidma tkompli

PS 478 Neville Mercieca, Segretarju Ġenerali-MPA

*Għeżież membri u kollegi.*

Nixtieq nibda billi nagħti merħba lill-membri ġodda li ngħaqdu fil-Korp u awtomatikament fl-MPA matul din is-sena. Nifraħ ukoll lil dawk kollha li ħadu xi promozzjoni.

Naħseb li nnutajtu li ilna ftit ma niktbu xi artiklu f'dan il-magażin. Dan ma sarx b'nuqqas ta rispett lejkom jew sabiex tinżamm xi nformazzjoni mistura, peró tant kemm l-affarijiet jinbidlu malajr, li ma kinitx xi ħaġa faċli li tikteb, peress li l-artikli jridu jkunu lesti minn żmien qabel, u dak li tkun ktibt jibqa' validu sal-pubblikazzjoni. Jista' jagħti l-każ li forsi żbaljajna, iżda aħjar *safe than sorry,* meta tikkunsidra l-punti delikati li nkunu qegħdin nittrattaw fuqhom.

Din is-sena, eżattament fit-22 ta' Jannar, il-membri (intom) ivvutajtu għall-statut ġdid sabiex jinbidel dak li kellna u dak li hemm fit-tieni skeda ta' Kap164. Bħalissa l-Kumitat Eżekuttiv ifforma sotto-kumitat ieħor, magħmul minni, Dr. A. Casha LL.D, is-Sur Johann Mifsud, is-Sur Ivan Brincat u s-Sur Robert Mercieca sabiex jippreparaw *draft* għal statut ġdid li wara li jiġi approvat, ikun l-għodda li fuqu nimxu meta l-MPA ssir il-union tal-Pulizija. Il-membri tal-Korp sejjer ikollhom il-Union tagħhom (inhouse) magħmula minn rappreżentanti eletti minnhom stess, li jagħmlu l-istess xogħol, u li jifhmu t-tbatijiet u diffikultajiet li membru tal-Korp jaffaċċja wiċċu magħhom. Aħna mhux bħal ħaddiema oħra. Pulizija xogħol 24 siegħa, 7 t'ijiem fil-ġimgħa. Għandna diversi restrizzjonijiet bħal li ma nagħmlux ***part-time***, jekk waqt il-ħin liberu tiegħek tassisti xi reat, trid tintervjeni għaliex jekk iddawwar wiċċek u titlaq, titressaq int il-Qorti b'dak in-nuqqas, ħinijiet tax-xogħol skond l-esiġenzi tas-servizz u saħansitra l-liġi stess tobbligana li għandna nagħtu l-għajnuna tagħna, anki jekk dik ir-responsabiltá ma tkunx tappartjeni lill-Korp, flimkien ma' lista nterminabbli oħra. Allura filwaqt li hemm bżonn ta' Union u mhux Assoċjazzjoni sabiex ikollna s-saħħa legali kollha ħalli niġġieldu għad-drittijiet tagħna, din għandna tkun ***inhouse***. Hu imperattiv li din tkun indipendenti minn organi oħrajn li jistgħu jġibu kunflitt dirett max-xogħol tagħna.

**Elezzjoni Delegati/Kumitat 2011 – 2014.**

F'Marzu li għadda, saret l-elezzjoni għal delegati u membri tal-Kumitat Eżekuttiv ġdid għal perjodu ta' 3 snin. Din is-sena kien hemm konkorrenza sabiħa ta' kandidati fejn kien hemm iktar milli kien hemm bżonn u kellha ssir elezzjoni. Dan kien eżerċizzju demokratiku, li għandu jkompli jiġi msaħħaħ. Għalkemm il-Kumitat inbidel, il-ħidma kompliet għaddejja fuq dak li kien qiegħed isir fil-Kumitat preċedenti sabiex ikun hemm kontinwitá.

*Se nagħti ħarsa ħafifa fuq xi punti li l-Kumitat qiegħed jaħdem fuqhom, u li huma ta' interess ġenerali.*

**Ftehim settorjali 1993**

Għalkemm mhux ser nidħol f'ħafna dettalji għaliex kif tafu hemm diversi proċeduri u laqgħat għaddejjin u hemm bżonn li f'dan il-mument kull għażla tibqa' fuq il-mejda. Nixtieq inserraħ moħħ kulħadd li din għadha mhux magħluqa u l-Kumitat Eżekuttiv se jibqa' għaddej sakemm tinstab soluzzjoni, irrelevanti kemm jgħaddi żmien. Qiegħed nirċievi diversi telefonati minn membri li ġenwinament jistaqsuni għaliex waqaf kollox u isbaħ minn hekk għaliex intesá kollox. Dan kollu għaliex xi ħadd li jaħseb li jaf ħafna, qiegħed ixerred qlajjiet foloz li jfixklu u jagħtu stampa mhux reali lil membri oħrajn.

Il-Kumitat Eżekuttiv jagħmel kollox bil-miktub u żgur din il-kwistjoni ma tistax tintesá għaliex qiegħda iswed fuq l-abjad. Meta l-Kumitat Eżekuttiv ikun irid jikkomunika mal-membri, dan isir kif dejjem sar, permezz ta' ittri li tirċievuhom id-dar tagħkom u mhux permess ta' xi messaġiera.

Wara li f'Mejju saru l-laqgħat mal-membri, kellha ssir votazzjoni bejn il-membri sabiex tittieħed deċiżjoni jekk naċċetawx is-somma offruta li kienet ta' 7 Miljun Ewro. Wara li saru l-laqgħat, il-bieb tad-diskussjoni reġa' tbexxaq xi ftit u b'responsabbiltá, l-Kumitat Eżekuttiv iddeċieda li jippostponi l-votazzjoni sakemm jiġi konkluż pakkett li nisperaw li jkun aħjar. Il-Kumitat Eżekuttiv qiegħed jaħdem biex dawk kollha li huma mniżżlin fil-protest ġudizzjarju tas-26 t' Ottubru 2009, jieħdu dak li ħaqqhom, anki jekk ma jkunx għadhom membri tal-MPA. Dan kien biss postponiment u ma jfissirx li l-Kumitat Eżekuttiv mhux għaddej bil-laqgħat u kuntatti tiegħu. Din hija kwistjoni li tirrigwardja l-passat, u għalkemm mhux se tintnesa u se nkomplu naħdmu fuqha, hemm bżonn ukoll li niffukaw fuq il-futur, sabiex il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu aħjar minn dawk tal-lum.

**CESP**

Din is-sena saru diversi laqgħat fil-Portugal, il-Montenegro u Ċipru fejn membri tal-Kumitat Eżekuttiv attendew sabiex isiru l-preparamenti għall-Kungress li se jsir f'Marzu 2011 ġewwa Spanja. Huwa mportanti li l-MPA tattendi dawn il-laqgħat sabiex tkompli tkabbar il-kuntatti u l-appoġġ ta' pajjiżi barranin. www.cespolice.org

**Ħarġa tat-tfal**

Bħalma saret tradizzjoni, din is-sena ukoll ġiet organizzata l-ħarġa tat-tfal, l-għada tal-Għid il-Kbir (Easter Monday). Kellna 65 tifel u tifla li attendew, sena rekord, fejn ġew meħuda l-Mediterraneo u l-Splash 'n'fun park f'Baħar iċ-Ċagħaq. Din kienet esperjenza sabiħa u edukattiva għat-tfal li attendew. Nixtieq personalment nirringrazzja lil *helpers* li ħadu l-*leave* sabiex jagħtu l-assistenza tagħhom.

### Laqgħat
Il-Kumitat Eżekuttiv għamel medja ta' laqgħa fix-xahar u ġieli 2 kif ukoll iltaqa' ma' diversi persuni oħrajn sabiex jitressqu l-quddiem il-problemi tagħna ħalli tinstab soluzzjoni. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, minbarra jien li qiegħed stazzjonat l-MPA, qegħdin fuq bażi volontarja, ħafna drabi jattendu fil-ħin liberu tagħhom, u allura wieħed għandu japprezza s-sagrifiċċju li dawn jagħmlu. Ma rridux ninsew li dawn għandhom ukoll ix-xogħol tagħhom f'diversi sezzjonijiet tal-Korp. L-istess għandu jingħad għad-delegati, pero l-frekwenza tal-laqgħat hija ferm inqas minn dik tal-Kumitat Eżekuttiv. Hija x'xewqa tal-Kumitat Eżekuttiv li jiltaqa' iktar spiss kemm mad-delegati kif ukoll mal-membri, pero ċ-ċirkostanzi, mhux dejjem jippermettu li dan isir.

### Informazzjoni
Dan il-Kumitat, bħalma kien ta' qablu, huwa kommess li jżomm lil membri, kemm jista' jkun aġġornati b'dak li jkun qed jiġri. Kif tafu għandna s-sit elettroniku fejn jitpoġġew diversi aħbarijiet, kif ukoll il-paġna tagħna fuq il-*facebook* li kontinwament tkun aġġornata u l-Kumitat jista' jikkomunika mal-membri direttament f'dak il-mument stess. Inħeġġeġ li tagħmlu użu minn dawn l-għodda, peró b'responsabbiltá. Matul din is-sena ħarġu ammont sostanzjali ta' *press releases* mill-MPA fuq diversi temi li kienu qegħdin jiġu diskussi fil-media. Ġejna ukoll mistiedna għal xi intervisti kemm fuq it-TV u kemm fuq il-gazzetti sabiex dejjem nagħtu nformazzjoni fuq il-ħidma tagħna. www.mpa.org.mt

### Kumitat Rappreżentattiv
Fl-iStatut il-ġdid ġie ntrodott dak li huwa msejjaħ il-Kumitat Rappreżentattiv. Dan x'inhu?...*sempliċi, kumitat magħmul minn membru minn kull sezzjoni/branka, li jiltqagħu darba fix-xahar sabiex flimkien jitkellmu dwar il-problemi rispettivi tagħhom u ta' sħabhom u jressqu l-proposti lil Kumitat Eżekuttiv ħalli tinstab soluzzjoni. Ħadem?...Sfortunatament le. Għaliex?...bħas-soltu, nuqqas ta' interess... jgħiduli għaliex għandi nidher jien sabiex jigwadanja ħaddieħor... għaliex jekk inkun off duty jew wara xi first watch għandi niġi għal-laqgħa... sibu lil ħaddieħor floki ta'.* Jien inkompli...hekk hu, għalfejn għandek tiġi għal-laqgħa, ma jmurx jaqa' s-saqaf fuqek u tweġġa' hux.

Peress li dan ma ħadimx, sejrin jitressqu emendi biex dan jitneħħa mill-iStatut. Dawk kollha li jkollhom bżonn jagħmlu użu minn xi servizz tal-MPA, għandhom jagħmlu kuntatt dirett fl-uffiċċju tagħna: tel: 2123 2892 / 2124 4182 jew mpa@onvol.net

### Vjolenza kontra membri tal-Korp
Din hija materja li l-Kumitat Eżekuttiv qiegħed jieħu b'serjetá kbira. Matul dawn l-aħħar xhur, il-każijiet ta' vjolenza kontra membri tal-Korp żdiedu b'mod allarmanti. Il-Kumitat Eżekuttiv kiteb ukoll lil Onor. Ministru tal-Ġustizzja u Intern fuq is-suġġett. Il-Kumitat Eżekuttiv iħoss li f'każ ta' ħtija, s-sentenza mogħtija għandha tkun ta' priġunerija effettiva.

### Aġġustament fl-iskali
Il-Membri tal-Korp ġew imdaħħla fl-iskali taċ-Ċivil li jvarjaw skond ir-rank minn skala 14 (Kuntistabbli) sa skala 2 (Kummissarju). Il-Kumitat Eżekuttiv ipprepara u ippreżenta rapport lil P.N.B. sabiex isir aġġustament f'dawn l-iskali. Dan huwa rapport interessanti u jista jiġi *downloaded* mis-sit tagħna www.mpa.org.mt/downloads. Fost ħafna żvantaġġi li membru tal-Korp għandu, u li diġá semmejnihom, hemm ukoll dik tal-ammont ta sigħat fil-ġimgħa u ċjoé 46 siegħa li toħroġ mill-Ftehim Settorjali tal-1993, kumparati mal-40 siegħa fil-ġimgħa normali fiċ-Ċivil. Peress li l-iskali huma l-istess bħal taċ-Ċivil, imma l-ammont ta' sigħat li jaħdem membru tal-Korp huma iżjed, meta tiddividi l-paga mal-ammont ta' sigħat, ir-rata fis-siegħa hija inqas. Din tiżvantaġġa wkoll meta jiġi biex jinħadem *l-overtime.*

### Party tal-Milied.
Bħalma dejjem sar, l-Assoċjazzjoni din is-sena wkoll qed tgħin fl-organizzazjoni kemm permezz tar-rappreżentanti tagħha fl-*Entertainment Committee* kif ukoll finanzjarjament. L-MPA bħalma sar f'dawn l-aħħar ftit snin, qed tkun viġilanti sabiex il-livell ikun għoli u l-flus jintnefqu bl-aħjar mod possibbli. Nixtieq bil-quddiem nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li qed jagħtu l-kontribut tagħhom din is-sena ukoll.

Nixtieq, b'sogħba kbira nfakkar lil Jesmond Bugeja (ex PC1425) li ħalliena għal ħajja aħjar, u li kien ikun ta' għajnuna kbira fil-*party* li jiġi organizzat f'Għawdex billi jkun hu li jqassam ir-rigali. Is-sena l-oħra kelli ċ-ċans li nattendi għal dan il-*party* sabiħ li jsir u stajt nara personalment il-ħeġġa li kellu Jesmond sabiex jgħin u jferraħ lit-tfal tal-membri, daqs li kieku kienu tiegħu. Din is-sena Jesmond mhux se jkun preżenti fiżikament għal-dan il-*party*, iżda se jkun fil-memorja tagħna lkoll. Insellem ukoll il-memorja ta' dawk il-membri u ħbieb kollha li ħallewna matul din is-sena li waslet fi tmiemha.

Fuq l-istess tema imma b'ħarsa 'l quddiem, nixtieq intemm dan l-artiklu billi f'ismi, f'isem il-President, il-Kumitat Eżekuttiv u d-Delegati tal-Assoċjazzjoni, nawgura lilkom u lill-familjari tagħkom, il-Milied hieni u s-Sena ġdida mimlija risq u hena.



**ENTRAL CEMENT LIMITED**
*Incorporating* **Jumbo Bags Ltd.**

Suppliers of Bulk Cement
Packed Cement in
1500kg, 50kg & 25kg
Suppliers of other types of
Cement

FOR BEST
QUALITY
AND SERVICE

CemHouse, National Road,
Blata l-Bajda, HMR 9011,
Malta
Tel: 21232282, 21232920
Fax: 21221659
email:
centralcement@euroweb.net.mt



# €5 VOUCHER

For any battery purchased from
SCHEMBRI BATTERIES LIMITED

DAGENITE

VMF MIDAC

Terms & Conditions
1. Holder is entitled to a discount on the purchase of a battery
2.Vouchers are valid for one voucher per battery purchased.
3. Vouchers is valid on cash purchase only
4. This is a discount voucher only

SCHEMBRI BATTERIES LTD
A39, INDUSTRIAL ESTATE, MARSA MRS 3000
Tel: 21 220036 Email: schembat@maltanet.net




DAL 1860
PERNIGOTTI
PERNIGOTTI
AND GIANDUIA
OROGIANDUIA
CLASSIC GIANDUIA
&
NEROGIANDUIA
DARK GIANDUIA
...THAT'S LOVE!
Trade Enquiries Malta TEL: 2147 0400
Email: carlosc@redoct.net
Gozo - The Liquer Shop - Tel: 21556531
Email: theliquershop@live.com
REDOCTOBER
COMPANY LIMITED


Have a traditional
Golden Christmas
Since 1946
Golden Harvest
Ask about
our tasty
Christmas range
1 Kilo
600 g
450 g
100 g
500 g
800 g
UB21, Industrial Estate, San Gwann Tel: 2133 2391
Email: info@goldenharvest.com.mt www.goldenharvest.com.mt


James Caterers
The name you can trust
Velleran Street Fgura FGR 1900
Tel: +356 21896290 Fax: +356 21896371
Website: www.james-caterers.com
Email: sales@james-caterers.com

Ex. Inspector Dione Bugeja, IPA National President

# International Police Association

*Dear IPA Members,*

Recently we received the Christmas – New Year's message from the International President, a synthesis of which we are passing on to you.

***Dear Members,*** *as the year draws to its end, on behalf of the Permanent Executive Bureau I would like to convey to you and your families our best wishes for Christmas and New Year 2012.*

*Unfortunately year 2011 has been characterised again by violence and hardship, apart from serious calamities, earthquakes, tsunami, floods, fires and hurricanes which struck a number of countries. Unfortunately IPA members and their families were among the victims. On the recommendations of the ISC Chairperson the PEB activated the procedure for Emergency-Aid and launched an appeal for financial assistance. For these appeals IPA sections responded positively. I am pleased to notice that the basic ideals of friendship and solidarity among police officers, as introduced in 1950 by our Founder Arthur Troop, are still very much alive within the IPA family.*

*Our Founder had a vision of worldwide friendship among police officers but I doubt it if he anticipated that within such a short period of time, IPA would flourish and develop into an organisation of this size. In a world full of conflicts there is obviously a need for international organisations where people can meet in friendship, solidarity and full respect.*

*I am convinced that those of you who participated during the 37th IEC Conference will agree with me that it was a very good and successful conference. I take this opportunity to compliment once more the Romanian IPA Section for their excellent work and arrangements. During the conference a number of problems were solved and decisions were taken within the spirit of friendship and solidarity. Section in Foundation Macau was unanimously adopted as the 63rd new member within the IPA family.*

On concluding this New Year's message, I would like to thank you all for your loyalty towards IPA. I feel obliged to convey my thanks to every active member, because without the constant effective assistance of many IPA friends at all levels, our work could not be accomplished.

*Our Motto « Servo Per Amikeco » is very similar to the Christian Commandment to « Love your thy neighbour ». Particularly in these days, we should keep these principles in mind and remember that the service rendered must be on a reciprocal basis.*

*On behalf of all the PEB members, and myself I wish you and your families good health, happiness, and peace for the coming Year 2012. For those of you who celebrate Christmas, may the peace of the Lord be with you. Merry Christmas*

*Servo Per Amikeco. Michael Odysseos*

**IPA National Council meeting: Dear members please be informed and note that our National Council Meeting 2012 is being held on Sunday 22nd January 2012 at the Associations Centre Marsa at 09.45hrs,** started with Sunday Mass. You are kindly invited to leave this morning free so that you can be present for this meeting between friends. Your attendance is important to us.

**Seminar for young police officer in Holland:** Following the invitation by Section Netherlands for IPA members, to participate during the 1st IPA Seminar for young police officers, members Elton Buckingham and Jean Paul Formosa were accepted by the NEC to represent IPA Malta. The seminar was held between the 28th August and 3rd September 2011 in Amsterdam. Participating IPA sections included Japan, Estonia, New Zealand, Australia, Poland Sweden, Greece, Republic of Ireland, Switzerland, Gibraltar, Germany, Sri Lanka, Finland, Republic of San Marino, United Kingdom, Austria, Luxembourg, Belgium, Czech Republic, Hong Kong, Norway, Denmark, Cyprus, Romania and Netherland. The delegations




Elton and Jean Paul at the Netherlands seminar Aug. 2011

were hosted at the Marine Establishment in Amsterdam.

Upon their arrival at Schipol Airport, our colleagues were met and welcomed by members of the Netherlands Section, who accompanied them to the Marine base and later to a welcome dinner at a nearby oriental restaurant. After dinner the delegates were given a detailed information pack about the whole weeks' programme.

On the following morning, all the delegates, in uniform headed off to the Police Training Centre for the official opening by Deputy Chief Constable Gorrisen. Afterwards, the delegates departed to The Hague, to visit the Palace of Peace which houses the International Court of Justice.

On August 30th the delegates departed to the Police Training facility where they participated in a workshop lead by Ms Jacqueline Kroek and Mr Emanuel Koney on diversity within the police and the community. After lunch with the students from the police academy, the delegates participated in another two workshops relating to common safety management in relation to multicultural skills and the



Young Police Officers attending the Netherlands seminar Aug 2011

presentation groups key agreement and main differences. Late in the afternoon the group departed to Voledam for a visit to The Dyke and after for a dinner at the Van der Valk, Hotel Katwoude Purmerzaal.

On August 31st the delegates headed to the Regional Fire Brigade Zaanstad where they were welcomed by the operational commander, Nico Moes. There at, the group took part in a number of workshops relating to drugs policies and practices such as the user market in the Netherlands versus other countries, the approach and premeasured of synthetic drugs production and distribution, tackling of organized cannabis in practice and a practical insight of the works carried out by the department.

On September 1st, the day was spent at the Royal Military Police quarters in Schiphol. After a welcoming introduction by General Van de Brink, the delegates participated in a number of interesting workshops relating to identity fraud, migration crime and falsification of documents. At the end of the day after returning to base, the delegates were treated by a surprise boat trip dinner around Amsterdam canals compliments of IPA Netherlands.

On September 2nd, the group was given some free time to visit a few interesting places around the city of Amsterdam and in the evening all delegates were invited for an informal closing of the seminar followed by dinner at the Sizzling Wok oriental restaurant.

On September 3rd, the Maltese delegates together with other participants who opted to remain an extra day for the Airborne Walk, departed in the morning to Oosterbeek dressed casual with the IPA polo shirt, in order to take part in the 15km walk accompanied by the IPA Netherlands section band. At the end of the day, the participants were invited for the last dinner of the week and were each presented with a participation medal.

Our colleague would like to thank IPA Netherlands section, who did their together with a number of other colleagues to make this seminar and visit to the Netherlands a successful and special experience to remember.

Before attending the Dutch seminar Jean Paul Formosa applied also to attend for the Polish Police day celebrations in Warsaw together with his colleague Chris Abela. During these celebrations our representatives had the opportunity to parade with other IPA Sections in uniform carrying also our national flag.




Jean Paul Formosa on front page July 2011

We are pleased to note that during these activities Jean Paul was picked up from among other police officers and his photograph ended up on the prestigious IPA magazine front cover, POLICE WORLD.

**2013 Young police officers seminar:** After a decision taken during the IEC meeting held in September, we are pleased to announce that the 2nd Young Police officer's seminar is now being held in Australia Brisbane, Queensland between Sunday 21st and Saturday 27th April 2013. The maximum number of participants is capped at fifty persons. Although it has been acknowledged that the airfare to Australia may be a handicap for this event; interested members are kindly invited to call at the IPA office for more information.

**IPA Induction:** Thanks to the Commissioner Mr. John Rizzo, during the month of October IPA Malta was given the opportunity to call at Police Academy and introduce IPA to the seventy five recruits attending the 32nd Police Recruits Basic Training Course. Apart from the usual power point presentation by our national president, explaining what IPA is all about and the advantages of being a member, on this occasion Elton Buckingham and Chris Abela, the two young police officers who went to Poland and the Netherlands respectively, were also invited. During an hour photos presentation, our young colleagues gave their own experience what IPA offers and the satisfaction of being a member. Being young, their approach left quite an impact on the teenage recruits, since they speak and understand the same language. It is hoped that the two hours spent with our future police officers will leave the desire effect resulting in new IPA members.



Elton and Jean Paul introducing IPA to the recruits Oct 2011

**14th IPA Mediterranean Regional meeting April 2012:** We would like to inform you that thanks to committee member Neville Mercieca, in October we were able to launch and send to all Mediterranean IPA Sections presidents the Mediterranean meeting Malta 2012 website which is very interesting. You are invited to visit this website on http://ipamedmeeting2012.moonfruit.com/



Dear Members on behalf of the Executive Committee I would like to wish you and your families a Very Happy Christmas and a Prosperous New Year 2012.

*Dione Bugeja – National President.*


SKIL®
EVERYTHING YOU NEED™
BEST PRICES! GUARANTEED
WE GUARANTEE THE BEST DEALS ON THE LATEST RANGE OF SKIL POWER TOOLS
www.wjadistributors.com
Order online at
The ONLY AUTHORISED Service Centre in Malta for
BOSCH Invented for life
CST/berger
DREMEL
SKIL
ROTOZIP
WJA distributors
Dejma Road, Tarxien TXN 9035 MALTA
T: (+356) 2180 9426 / (+356) 2180 0478 / (+356) 2123 2943
E: info@wjadistributors.com


SUM-UP
The city at your finger tips
PEUGEOT
from €1800
The Sum Up is a brand new 125cc scooter from Peugeot that cuts straight to the chase in terms of form, function and value. With its twin halogen headlights, alloy wheels and sport profile tyres, from the front the Sum Up is reminiscent of Peugeot's iconic Speedfight scooter.
CYCLE WORLD LTD
Psaila Street, Santa Venera.
Tel: 21 493656, 21 470 053, Fax: 21 470051
Web-site: www.cycleworldmalta.com
E-mail: info@cycleworldmalta.com


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest, Come & buy it from the best!
TFLL
HIRE OF TOWER LADDERS BEST PRICES ON THE ISLAND

ex-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Segretarju (M.A.R.P.O.)

# Il-Kawża dwar il-pensjoni

Meta kull wieħed u waħda minna ġiethom il-ħajra li jagħmlu karriera fil-Korp tal-Pulizija, żgur li kkunsidraw il-pensjoni. Ħaġa sabiħa li wieħed jistà jirtira mix-xogħol ta' età relattivament żgħira u wara jaqbad karriera oħra.

Appena ħadna l-ġurament tal-ħatra dħalna f'kuntratt mal-istat li naqdu dmirna u niddedikaw iż-żmien tas-servizz tagħna b'mod totali lejn ix-xogħol tagħna. Ma konniex liberi li nitilqu mill-Korp meta u x'ħin irridu. Lanqas sempliċiment biex niżżewġu ma stajna nagħmlu dan mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Meta nieħdu ġranet ta' btala, anke jekk insiefru, ridna navżaw lill-amministrazzjoni tal-Korp dwar fejn nistgħu niġu kkuntattjati biex f'każ ta' bżonn niġu msejħa lura għax-xogħol. Ma kellna l-ebda kumpens għas-sigħat u ġranet ta' xogħol żejda li konsegwenza tax-xogħol ġejna msejħa nagħmlu. Konna rridu naħdmu meta ċ-ċittadini l-oħra kienu jkunu jgawdu.

Bħala kontropartita għal dan kollu, il-kuntratt tax-xogħol tagħna kien joffrilna pensjoni ta' żewġ terzi tas-salarju wara li nirtiraw għeluq il-ħamsa u għoxrin sena servizz, jew b'mod relattiv skont dak is-servizz li nkunu għamilna.

Legalment dan il-kuntratt seta' biss jitħassar b'kuntratt ieħor u mhux b'xi liġi jew ordni amministrattiva oħra. Stajna wkoll nikkommutaw kwart ta' din il-pensjoni u ningħataw l-ekwivalenti ta' xahar paga għal kull sena servizz li nkunu għamilna.

Bħal kull ħaddiem ieħor, skond il-liġi, aħna konna obbligati li nħallsu l-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali (il-bolla) skont is-salarju tagħna. Din il-liġi li hija kompletament indipendenti fil-fatt u fid-dritt minn dik tal-Pulizija, tistipula li meta ħaddiem jasal għaż-żmien tal-irtirar, ikun intitolat għal żewġ terzi tas-salarju tiegħu. Għalhekk, ġustament pulizija pensjonant għandu jkollu żewġ pensjonijiet. Dik kontrattwali tal-Pulizija u l-oħra kontributorja tas-Servizzi Soċjali skont il-kontribuzzjonijiet li jkun ħallas sal-età tal-irtirar.

Meta membru tal-pulizija jilħaq l-età tal-irtirar isib ma' wiċċu inġustizzja kbira. Filwaqt li l-pensjoni tal-pulizija jibqa' jirċieviha fl-ammont kollu, mill-pensjoni tas-Servizzi Soċjali (tal-bolol) jitnaqqas l-ammont tal-pensjoni tal-pulizija fl-ammont li kienet qabel ma' dak li jkun kien ikkommuta l-kwart tagħha. Hekk il-pensjoni tas-Servizzi Soċjali ma tirriflettix l-ammont tal-kontribuzzjonijiet li wieħed ikun ħallas bejn l-età ta' tmintax-il sena sa l-età tal-irtirar. Iżjed minn hekk, skont il-liġi tas-Servizzi Soċjali, din il-pensjoni kontributorja tinħadem fuq dak imsejjaħ *Maximum Pensionable Income* li huwa €16,813.60 (LM7219.23). Għalhekk, l-għola pensjoni li wieħed jista' ikollu huwa ta' żewġ terzi ta' dan l-ammont, jiġifieri €11,209 (LM4,812.82). Dan immaterjali għall-ammont tal-kuntribuzzjonijiet (bolol) li huwa jkun ħallas.

Fil-każ ta' pulizija pensjonant, minn dan l-ammont jitnaqqas l-ammont tal-pensjoni tas-servizz u jirċievi biss bħala pensjoni tas-Servizzi Soċjali d-differenza ta' bejn il-pensjoni tal-pulizija kif oriġinarjament kienet ġiet kalkolata (qabel ma' kwart minnha ġie kommutat) u dik tas-Servizzi Soċjali. Pensjoni ridikola u tal-mistħija. Din tgħodd għall-membri kollha tal-Korp tal-pulizija, tal-Armata u tas-Servizzi Korrettivi (tal-Ħabs).

Bejn l-2008 u l-aħħar baġit, il-gvern ta' konċessjoni li tammonta għall-€866 sabiex dawn ma jitnaqqsux mill-pensjoni tas-Servizzi Soċjali. Hekk suppost li l-pensjoni tas-Servizzi Soċjali żdiedet b'dan l-ammont (€866). Fir-realtà, kif qed tinħadem mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, min għandu l-pensjoni li tlaħħaq l-ammont tal-imsemmija Pensjoni Minima Nazzjonali (€11,209/ LM4,812.82) ma jibbenefikax minn din l-opportunità.

Jekk wieħed jistà jikkummenta, id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali qed jinterpreta l-konċessjoni mogħtija mill-gvern lill-pensjonanti tas-servizzi (€866) bħala karità għal min għandu pensjoni li ma tlaħħaqx il-Pensjoni Minima Nazzjonali. Dana fl-istess ħin li din il-konċessjoni magħmula fi tliet baġits differenti hija dikjarazzjoni pubblika li t-tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni tas-servizz minn dik tas-Servizzi Soċjali mhix ġusta, hija konferma wkoll li din il-pensjoni fit-totalità tagħha hija attwalment dovuta lil kull pensjonant rispettiv. L-interpretazzjoni ta' din il-konċessjoni fiha nnifisha qed toħloq diskriminazzjoni bejn il-pensjonanti tas-servizz. Mhux biss dawk attwali, imma anke dawk futuri. Wieħed irid jiftakar li kull uffiċjal tal-pulizija meta jirtira mis-servizz b'salarju li jlaħħaq dak tal-Pensjoni Minima Nazzjonali (€16,813.60/LM7,219.23) ma jibbenefika xejn minn din il-konċessjoni (€866)

Mhux sew li pensjonant tas-servizz jiġi ttrattat hekk. Forsi dan qed isir għaliex mill-esperjenza tiegħi, ftit huma dawk li jafu kif tiġi kkalkolata l-pensjoni. Hemm bżonn ta' aktar tagħrif dwar dawn id-drittijiet li aħna ħdimna u kkontribwixxejna għalihom.

Għalhekk, l-Assoċċjazzjoni tal-Pulizija Pensjonanti bil-kollaborazzjoni tal-membri tagħha u bis-sostenn tal-Assoċċjazzjoni tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, istitwiet kawża Kostituzzjonali li qed tinstema' quddiem l-Imħallef Dr Gino Camilleri.

Din il-kawża hija ntiża biex dawk il-partijiet tal-liġi tas-Sigurtà Soċjali (Kap 318 tal-liġijiet ta' Malta) jiġu dikjarati anti-kostituzzjonali. Dana billi dawn qed joħolqu inġustizzja u qed jiddeprivaw lill-pensjonanti minn dak li bi dritt huwa tagħhom, u dana mingħajr l-ebda kumpens. Il-pensjoni kontributorja hija propjetà tagħna. Ikkontribwixxejna biex nagħmlu investiment għal meta nilħqu l-età tal-pensjoni u għalhekk huwa ferm inġust li niġu mċaħħda minn dak kollu li investejna tul ħajjitna.

*Kitba ta' Nikol Cutajar, membru tal-Kunsill tal-M.A.R.P.O*

# Riżenja u Ħatra tas-Segretarju tal-Kunsill M.A.R.P.O.

Emanuel Caruana nforma lill-President tal-M.A.R.P.O. is-Sur Charles Curmi li irriżenja mill-kariga ta' Segretarju tal-Kunsill għall-raġunijiet personali, imma xorta se jżomm postu bħala membru tal-Kunsill.

Il-membri tal-Kunsill kollha nkluż il-President urew irwieħhom li kienu maħsuda b'din id-deċiżjoni tal-'Billy'. Madankollu, infurmawh li ma jistgħux ma jirrispettawx id-deċiżjoni tiegħu la hu jqis li hija għall-aħjar tiegħu.

Matul il-laqgħa tal-Kunsill li nżammet nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru, 2011, il-Kunsill unanimament innomina u ħatar lill-Raymond Zammit bħala s-Segretarju l-ġdid tal-Assoċjazzjoni.



Emanuel Caruana



Raymond Zammit.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil Emanuel Caruana għas-servizz twil u ta' ġid li hu ta lil Assoċċjazzjoni, nawguraw ħidma b'suċċess ukoll lis-Segretarju ġdid, is-Sur Raymond Zammit.




## M.A.R.P.O. Badges

Għall-bejgħ, 'Pins' tal-M.A.R.P.O. tal-pavru' bi prezz: €3 għall-membri u Badges tal-blazers bi prezz ta' €7 għall-membri.

# Indirizz Ġdid għall-Assoċjazzjoni

Ibagħtu kull korrispondenza li għandha x'taqsam mal-Assoċjazzjoni f'dan l-indirizz:
M.A.R.P.O., PO Box 36, Birkirkara.
www.marpo.moonfruit.com

## Mill-Imgħoddi

Din id-darba għandna ritratt sabiħ tal-Kavallerija tal-Pulizija qiegħda tiskorta lill-Reġina u l-Prinċep Philip waqt żjara uffiċjali li kienu għamlu hawn Malta fit-3 ta Mejju 1954. Kif wieħed jista jara, r-ritratt huwa meħud ħdejn id-Dwana, il-Belt.



## Xewqat Sbieħ

Il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill jixtiequ l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida lill-membri u lill-familji tagħkom, kif ukoll lill-qarrejja kollha ta' dan il-magażin.



Ex. Pc 354
Christino Micallef
1938 – 2011
1956 - 1981



Ex. Pc 88
Anthony Coleiro
1952 – 2011
1976 – 1980 (Australia)



Ex. Pc 484
Anthony Mintoff
1923 – 2011
1955 - 1975



Ex. Pc 1059 & 181
Walter Newell
1939 – 2011
1957 – 1984 &
1987 - 1996



Ex. Ps 192
Francis Buhagiar
1919 – 2011
1942 - 1961



Ex. Pc 316
Pasquale Muscat
1930 – 2011
1954 - 1980



Ex. Pc 553
Emmanuel Zammit
1922 – 2011
1954 - 1976



Ex. 2/SM 282
Leonard Spiteri
1928 - 2011
1951 - 1973

# *Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*

Pulizija ta' Malta
Domine Dirige Nos



Ex. PS 152
Joseph Mintoff
1949 - 2011
1968 - 1993



Ex. Pc 989
Anthony Carbonaro
1930 - 2011
1952 - 1977



Ex. Pc 730 Kurt Gauci
1990 - 2011
2010 - 2011
(serving officer)




UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY
Main Library
Class Mark MZ 6.
No. of Volumes In progress
Remarks
REFERENCE ONLY
*438440*


VIVENTY
JEWELS
202
Jewellery
...where quality & style meet exclusivity
touched by
Christmas
Precious Sting Ray Leather
Bangle with Silver & Crystals
VALLETTA
Merchants Street
FGURA
Zabbar Road
SLIEMA
Bisazza Street
www.202Jewellery.com – 27 202 202